# QORTI TAL-MAĠISTRATI (GĦAWDEX)
# ĠURISDIZZJONI SUPERJURI
# SEZZJONI ĠENERALI

## MAĠISTRAT DOTTOR BRIGITTE SULTANA LL.D., LL.M. (CARDIFF), ADV. TRIB. ECCL. MELIT.

**Illum, il-Ġimgħa, 25 ta' Ottubru 2024**

**Rikors Ġuramentat numru: 111/2018 BS**

**Lombard Bank Malta p.l.c.**

**-vs-**

**Ian Borg Attard u Jennifer Borg Attard bħala debituri prinċipali;**
**u Rose Borg u Sonia Busuttil bħala garanti solidali;**
**u b'digriet tas-6 ta' Ottubru 2022 kunjom Sonia sar Borg Attard[1]**

**Il-Qorti;**

**A. Preliminari:**

**Rat ir-rikors ġuramentat tal-bank attur[2] illi ppremetta:**

*"Illi l-Bank rikorrenti permezz ta' żewġ kuntratti fl-atti tan-Nutar Michael Refalo li jgibu d-dati tal-erbgħa u ghoxrin (24) ta Awwissu, tas-sena elfejn u erbgħa (2004) u id-disgħa (9) ta Ġunju tas-sena elfejn u sitta (2006) li kopji legali tagħhom huma hawn annessi u mmarkati Dok "A" u Dok "B", ikkonceda lill-intimati konjuġi Borg Attard faċilitajiet ta' "overdraft" u in forza ta' dawn il-faċilitajiet l-imsemmija intimati ssellfu flus mingħand il-Bank rikorrenti u għandhom debitu bilancjali favur l-istess Bank rikorrenti ta' mija tmienja u*

[1] Digriet kontenut fil-verbal tal-udjenza tas-6 ta' Ottubru, 2022 li jinsab a fol 189.
[2] Rik. Gur. a fol 1 sa 3 b'dokumenti a fol 4 sa 12.

*ghoxrin elf, tmien mija u erbgħa u tletin punt tlieta tlieta Ewro (€128,834.33) skont "statement" hawn anness u mmarkat Dok "C" bl-interessi kkalkolati sal-hdax (11) ta' Diċembru tas-sena elfejn u tmintax (2018), oltre l-imgħaxijiet ulterjuri mit-tnax (12) ta' Diċembru tas-sena elfejn u tmintax (2018) sad-data tal-pagament effettiv, ggarantew l-ħlas lura ta' l-imsemmi debitu permezz ta' ipoteka generali fuq hwejjighom kollha prezenti u futuri, kif ukoll ipoteka speċjali fuq in nofs indiviz tad-dar li ggib in numru hmistax (15) f'Saint Andrew Street, Nadur, Għawdex skont kif aħjar deskritti fl-imsemmija kuntratti u inoltre l-intimati l-oħra Rose Borg u Sonia Busuttil ggarantixxew b'mod solidali il-ħlas lura ta' l-imsemmi debitu permezz ta' ipoteka speċjali fuq ir-rimananti nofs indiviz tal-istess proprjeta u cioe d-dar li ggib in numru hmistax (15) f'Saint Andrew Street, Nadur, Għawdex.*

*Illi l-intimati naqsu milli jagħmlu il-pagamenti akkont skont kif pattwit;*

*Illi għalkemm interpellati sabiex iħallsu dan id-debitu, anke ufficjalment, permezz ta ittra ufficjali li ggib id-data tal-ħdax (11) ta' Ottubru, elfejn u tmintax (2018), l-intimati baqaw inadempjenti;*

**Talab għalhekk lill din il-Qorti:**

1) *"Tikkundanna lill-intimati kollha in solidum iħallsu lil Bank rikorrenti s-somma ta mija tmienja u ghoxrin elf, tmien mija u erbgħa u tletin punt tlieta tlieta Ewro (€128,834.33) skont "statement" hawn anness u mmarkat Dok "C" bl-interessi kkalkolati sal-hdax (11) ta' Diċembru tas-sena elfejn u tmintax (2018), oltre l-imgħaxijiet ulterjuri mit-tnx (12) ta' Diċembru tas-sena elfejn u tmintax (2018) sad-data tal-pagament effettiv rapprezentanti bilanċ ghad-debitu fil-facilita ta' "overdraft" mogħtija lil intimati debituri prinċipali konjuġi Borg Attard skont kif aħjar deskritt aktar 'il fuq;*

*Bl-ispejjez kollha, inkluż il-VAT fuq id-drittijiet professjonali, kif ukoll dawk tal-ittra ufficjali li ggib id-data tal-11 ta Ottubru, 2018 u bl-imghaxijiet legali mit-12 ta Diċembru 2018 sad-data tal-pagament effettiv kontra l-intimati kollha li huma minn issa ingunti ghas-subizzjoni tagħhom."*

**Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenuti Ian Borg Attard, Jennifer Borg Attard, Rose Borg u Sonia Borg Attard[3] illi eċċepew:**

1. *"Illi fil-mertu, mingħajr preġudizzju, irid l-ewwelnett jiġi pruvat li ġew avvanzati lill-konvenuti jew minn minnhom s-somom pretizi, irid jiġi pruvat x'rata ta' imgħax kienet applikabbli għal tali somom fid-diversi perjodu tar-relazzjoni bankarja bejn is-socjeta' attrici u l-konvenuti, u jrid jiġi pruvat x'servizzi ġew rezi mis-socjeta' bankarja attrici lill-konvenuti, f' każ illi s-somma mitluba tikkomprendi fiha charges, ledger fees jew kummissjonijiet;*

2. *Illi l-liġi konswetudinarja f'materja ta' faċilitajiet bankarji hija fis-sens illi facilita' ta' dan it-tip ma tigix irtirata jekk mhux għal raġuni valida tenut kont tal-likwidita' u tal-garanzija offerti mill-klijent bankarju u l-garanti tiegħu, u bi pre-avviz ragjonevoli sabiex ma tinholoqx diffikulta' ta' cash flow intenzjonali. Jigi eccepit illi s-socjeta' bankarja attrici vjolat tali liġi konswetudinarja billi naqset milli tagħti lill-konvenuti pre-avviz ragjonevoli;*

3. *Illi mingħajr preġudizzju ghas-suespost, in vista tal-artikoli 986 (2), 1139, 1142, u 1850 sa 1853 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta, it-talbiet attrici jinkludu sommom sostanzjali ta' imgħax in eċċess mill-limitu massimu impost mill-Ligi, kif ukoll imgħax kompost u charges, ledger fees u kummissjonijiet mhux dovuti li ġew miżjuda ma l-obbligazzjonijiet prinċipali b' qerq tad-disposizzjonijiet relattivi ghall-anatocizmu u l-uzura latent, u li ghaldaqstant għandhom jinqatghu mill-kapital, flimkien mal-imghax kompost li rega' ġie miżjud fuqhom, ai termini tal-Artikolu 1851 (2) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.*

4. *Illi l-imgħax li qed jintalab mis-socjeta attici jmur kontra l-kunċett tal-ultra duplum li ġie stabilit mill-Qrati taghna fid-decizjonijiet tagħhom u għalhekk l-ammont ta' imgħax li qed jintalab mill-bank attur għandhom jiġu dimenzjonati biex għal-ebda raġuni ma jaqbżu l-ammont misluf lill-konvenuti jew minn minnhom.*

5. *Illi mingħajr predugizzju ghas-sueccepti, l-imgħax legali ulterjuri jista' jintalab biss mid-data tat-talba ġudizzjarja u dan in vista tal-artikolu 1142 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;*

[3] Risposta guramentata a fol 25 sa 29.

6. *Illi l-konvenuta Sonia Busuttil wehidha teccepixxi illi dakinhar tal-iffirmar tal-kuntratti tal-24 ta' Awwissu 2004 u tad-9 ta' Ġunju 2006, hija kienet u għadha illum, miżżewġa lil Joseph Busuttil, kif jirriżulta ictu oculi mill-kuntratt inniffsu. Bħala tali hija ma setgħetx tidhol f'kuntratt ta' għoti ta' garanzija mingħajr l-intervent ta' żewġha kif rikjest mill-artikolu 1322 (2) u (3)(h) tal-Kodiċi Ċivili. Konsegwentament in kwantu fuq dan il-kuntratt dehret l-esponenti Sonia Busuttil wehidha mingħajr ebda intervent ta' żewġha, l-għoti ta' dik il-garanzija huwa radikalment null.*

7. *Illi l-konvenuti Sonia Busuttil u Roza Borg wehidhom jecepixxu illi il-Bank attur naqas milli jippreżenta rendikont dettaljat u li jista' jqieghed lill-esponenti fi grad li jifmhu kif u għalfejn l-ammont li ghall-hlas tiegħu qed jinzammu responsabbli intela' għal mija u tmienja u ghoxrin elf u tminn mija u erba' u tletin euro (EUR 128,834). F'dan ir-rigward l-esponenti jishqu li l-"istatement" esebit bħala Dok C ma huwa statement xejn imma jkopri biss il-perjodu wara t-tletin (30) ta' Settembru 2018, meta l-ammont li l-Bank qed jgħid li d-debituri kellhom ihallsuh kien diġà intela' għal mija u sitta u ghoxrin elf, u tminn mija u tnejn u tletin euro u tmenin centezmu (EUR 126,832.80c). Konsegwentament il-Bank attur naqas milli jikkonforma ruħu mar-rekwiziti tal-artikolu 152 (2) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta. Minhabba dan in-nuqqas, kif ser jiġi spjegat, l-esponenti sabu ruħhom fl-impossibilita' assoluta li jifmhu l-portata u r-ragunijiet tal-Bank attur għal dan l-ammont. Fic-cirkustanzi partikolari ta' dan il-każ allura l-esponenti Sonia Busuttil u Rose Borg qeghdin għalhekk jecepixxu n-nullita' ta' din il-kawża u jitolbu l-liberazzjoni tagħhom mill-osservanza tal-ġudizzju.*

8. *Illi l-istess konvenuti Sonia Busuttil u Rose Borg wehidhom jecepixxu wkoll, dejjem mingħajr preġudizzju ghas-suespost, illi l-kuntratt ta' għoti ta' facilijiajiet bankaraji jillimita l-ammont li minnu setghu jibbenefikaw d-debituri prinċipali għal hamsa u ghoxrin elf lira Maltin (LM25,000) – illum EUR 58,234.33c. Mill-ammont mitlub mill-Bank attur – EUR 128,834.33 – jidher li għal xi raġuni magħrufa lilu biss, il-Bank iddecieda li jippermetti lill-intimati konjuġi Borg Attard li jgawdu minn faċilitajiet bankarji f'ammont pjuttost ikbar għaliex altrimenti ma hemm l-ebda spjegazzjoni dwar kif l-ammont reklamat illum intela għal kważi darbtejn u nofs l-ammont massimu permessibbli. Jekk sar hekk, l-esponenti jenfasizzaw għal darb oħra li huma ma jafux x'gara u ghar-raguni spjegati fil-paragrafu numru 7 hawn fuq, l-esponenti Sonia Busuttil u Rose Borg ma jistgħu jiġu pregudikati billi jiġu mgeghla jagħmlu tajjeb għal ammonti ikbar minn dak*

*li, anke għal-grazzja tal-argument, huma jistgħu jistqiesu li għamlu tajjeb fuq iż-żewġ kuntratti hawn fuq imsemmija.*

9. *Illi l-istess konvenuti Sonia Busuttil u Rose Borg, dejjem mingħajr preġudizzju u suġġett għal kjarifiki wara li jkunu inghataw rendikont shih tal-ammont li fih il-konjuġi Borg Atatrd huma debituri, jekk jirriżulta li l-Bank attur ta' kreditu lill-konjuġi Borg Attard f'ammont ikbar minn dak pattwit fil-kuntratt tal-2006, l-esponenti Rose Borg u Sonia Busuttil ma għandhom ibatu l-ebda waħda mid-diversi konsegwenzi rizultanti, u dan kemm f'dak li jinvolvi l-kalkoli tal-imgħax u l-ammont nett rizultanti, kif ukoll f'dak li jinvolvi spejjes ta' din il-kawża.*

10. *Illi l-konvenuta Sonia Busuttil wehidha teccepixxi illi hi ilha tinsisti mal-Lombard Bank Malta plc għal xhur u snin shah sabiex dan jieħu ħsieb jaġixxi kontra d-debituri prinċipali ghall-hlas tal-ammonti dovuti u hekk jevita li l-ammont jkompli dejjem jikber u aktar jizdied il-preġudizzju a skapitu tagħha. L-esponenti Sonia Busuttil ma kellha l-ebda mezz sabiex taġixxi hija kontra d-debituri prinċipali. Konsegwentament, il-konsegwenzi ta' dan in-nuqqas ta' azzjoni da parti tal-Bank kreditur għandu jbatihom l-istess bank u mhux l-esponenti Sonia Busuttil.*

11. *Illi l-konvenuti Sonia Busuttil jew Rose Borg jeccepixxu wkoll illi n-nuqqas ta' azzjoni tempestiva da parti tal-Bank rikorrenti sabiex huwa jithallas l-ammont dovut lilu meta l-ammont dovut meta paragunat mal-valur tal-atti immobbiljari tad-debituri prinċipali kien pjuttost moderat, ma jista' qatt jissarraf fi dritt tal-Bank li jithallas minn fuq il-beni u assi propjeta' tal-esponenti Rose Borg u Sonia Busuttil d-differenza li rrizulta illum bejn l-ammont dovut u l-valur tal-assi tad-debituri prinċipali.*

*Salvi eċċezzjonijiet oħra fid-dritt u fil-fatt.*

*Bl-ispejjes.*

*Bl-ingunzjoni ghas-subizzjoni li għaliha minn issa r-rapprezentanti tal-Laombard Bank huma ingunti."*

**Fliet l-atti.**

**Rat** id-dokumenti annessi mar-rikors ġuramentat tal-bank attur ossia, kopji legali ta' [i] ftehim dwar faċilita' ta' *overdraft* mogħtija mil-bank

attur lill-intimati konjuġi Ian u Jennifer Borg Attard datat l-24 ta' Awwissu, 2004 in atti Nutar Michael Refalo;[4] [**ii**] ftehim ieħor dwar l-estensjoni tal-faċilita' ta' *overdraft* gja mogħtija mil-bank attur lill-intimati konjuġi Ian u Jennifer Borg Attard datat id-9 ta' Ġunju, 2006 ukoll in atti Nutar Michael Refalo,[5] u; [**iii**] rendikont datat il-11 ta' Diċembru, 2018 relattivi ghal-konvenuti konjuġi Borg Attard li juri bħala valur dovut lill-bank attur dak mill-bank attur reklamat fir-rikors ġuramentat tiegħu.[6]

**Rat** in-nota tal-bank attur tas-6 ta' Marzu, 2019 li biha esibixxa rendikont dettaljat tal-ammont dovut mill-konvenuti.[7]

**Rat** in-nota tal-bank attur tal-5 ta' Frar, 2021[8] li biha esibixxa, *inter alia*, [**i**] kopja ta' ittra reġistrata datata l-31 ta' Jannar, 2012 u mibgħuta mill-istess bank lill-konvenuta Sonia Borg Attard – gja Busuttil – sabiex jinformaha kemm li d-debituri prinċipali, il-konvenuti Ian u Jennifer Borg Attard, kienu in inadempiment tal-pagamenti dovuti minnhom kif ukoll bit-total tad-debitu filwaqt li jinterpellaha tersaq sabiex hi tħallas l-istess valur fl-interita' tiegħu,[9] u; [**ii**] kopja ta' ittra legali datata s-6 ta' Ġunju, 2012 li biha l-bank attur interpella lid-debituri prinċipali kif ukoll liż-żewġ garanti Rose Borg u Sonia Borg Attard sabiex fi żmien tlett ijiem iħallsu l-bilanċ tal-facilita' bankarja ta' *overdraft "skont statement fil-pussess taghkom"*.[10]

**Rat** li fl-udjenza tal-5 ta' Frar, 2021 il-bank attur iddikjara il-provi tiegħu magħluqa.[11]

**Rat** li fl-udjenza tas-16 ta' April, 2021 il-konvenuta Sonia Borg Attard iddikjarat il-provi tagħha magħluqa.[12]

**Rat** li fl-udjenza tad-9 ta' Novembru, 2021 il-konvenut Ian Borg Attard iddikjara l-provi tiegħu magħluqa.[13]

---

[4] Kopja legali a fol 4 sa 7.
[5] Kopja legali a fol 8 sa 11.
[6] Rendikont a fol 12.
[7] Nota a fol 36. Rendikont f'envelop ta' lewn abjad tal-Agenzija tal-Qorti a fol 37.
[8] Nota a fol 87.
[9] Ittra a fol 88. Prova tal-kunsinna mil-*MaltaPost* a fol 89. Ref.: ukoll ittra ulterjuri a fol 95.
[10] Ittra legali a fol 90. Ref. ukoll ittri addizzjonali jirrevedu l-bilanc skont it-trapass taz-zmien icitati fil-ft.nt. numru 28 ta' din id-decizjoni.
[11] Verbal a fol 106.
[12] Verbal a fol 121.
[13] Verbal a fol 128 u 129.

**Rat** li fl-udjenza tal-31 ta' Jannar, 2024 il-provi ġew dikjarati magħluqa u l-kontro-ezamijiet ezawriti bil-kawza giet differita ghal prezentata tan-noti tal-osservazzjonijiet kif ukoll ghal-llum ghas-sentenza.[14]

**Rat l-atti l-oħra kollha tal-kawża**, inkluż id-dokumenti esibiti u verbali kif ukoll it-traskrizzjonijiet tax-xhieda kollha u affidavits.

**Rat** in-noti tal-osservazzjonijiet tal-partijiet.[15]

**B. Provi:**

**Semgħat ix-xhieda bil-ġurament u rat dik magħmulha bil-proċedura tal-affidavit, ta':**

**Helena Said**, kap tad-dipartiment tas-servizzi ta' kreditu fi ħdan il-bank attur, xehdet permezz ta' affidavit.[16]

Tiddikjara li hija nkarigata mill-ġbir ta' djun dovuti lill-bank attur.

Tgħid li l-konvenuti konjuġi Borg Attard kienu ngħataw faċilita' ta' *overdraft* li ma' baqgħetx titħallas b'dan li l-kwistjoni ġiet trasferita lilha.

Tgħid li meta kwistjoni tasal għandha Malta, l-bank ikun diġà ipprova minn kollox sabiex id-dejn jithallas u ma' jkunx irnexxilu. Iżid li f'tali punt hija ssejjaħ laqgħa mad-debituri f'attentat li jintlaħaq arranġament ta' ħlas barra mill-Qorti.

Tgħid li f'dan il-każ in partikolari, meta l-kwistjoni għaddiet għandha kien diġà hemm diskussjonijiet għaddejjin sabiex isir kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu.

Iżid li l-*branch* f'Għawdex kien irrapporta li l-konjuġi Borg Attard kellhom problemi matrimonjali, li l-istess kellhom ukoll dejn ieħor mal-bank *HSBC Bank (Malta) p.l.c.*, kif ukoll li l-konvenut Ian Borg Attard kien

---

[14] Verbal mhux paginat.
[15] Nota tal-bank attur ipprezentata nhar it-30 ta' April, 2024. Nota tal-konvenuta Sonia Borg Attard ipprezentata nhar il-25 ta' Lulju, 2024. Nota tal-konvenut Ian Borg Attard ipprezentata nhar il-5 ta' Awwissu, 2024. Nota tal-konvenuta Rose Borg ipprezentata nhar is-6 ta' Awwissu, 2024.
[16] Affidavit a fol 30 sa 32.

qalilhom li huwa kien konvint li seta' jissalda d-dejn kollu magħhom kif ukoll mal-*HSBC* bil-bejgħ ta' proprjeta' tiegħu u ta' martu fil-Qala.

Iżid li l-istess proprjeta' fil-Qala kienet marbuta ma' dejn li l-konjuġi kellhom mal-bank *HSBC*.

Tiddikjara li f'Ġunju tal-2017 hija kitbet lid-debituri konjuġi Borg Attard u lill-garanti fejn stednithom jattendu laqgħa Malta. Tgħid li tali stedina ġiet posposta diversi drabi għal-diversi raġunijiet inkluż drabi fejn il-bank ma' kellux risposta dwar dati proposti u darba fejn irċivew telefonata mingħand omm il-konvenuta Jennifer Borg Attard li nfurmathom li hi ma' setgħetx tattendi u bintha ma' kienitx ser tattendi mingħajrha.

Tgħid li minħabba f'dan komplew numru ta' laqgħat mal-*branch* f'Għawdex li kien jinforma lid-dipartiment tagħha f'Malta bl-iżviluppi.

Tgħid li l-bank Għawdex kien qalilhom li l-konvenut Ian kien qed jipprova jbiegħ id-dar tal-Qala. Iżid li minkejja dan il-bejgħ ma' immaterjalizzax u l-*HSBC* bdew proċeduri għall-ottjeniment ta' titolu eżekuttiv b'dan li anke għamlu mandati kawtelatorji.

Tgħid li f'Settembru, 2017 id-debituri ġew imwissija li l-bank kien jirrikjedi li jsir kostituzzjoni ta' debitu sabiex jingħataw iż-żmien li jsibu l-bejgħ tal-proprjeta' tal-Qala u b'hekk jiġu evitati proċeduri legali nkluż kontra l-garanti u l-proprjeta' maqbuda bl-ipoteka speċjali li jidher li hija d-dar residenzjali tal-konvenuta Rose Borg, omma il-konvenuti Ian u Sonia.

Iżid li f'Ottubru, 2017 il-*branch* Għawdex infurmagħhom li l-konvenut Ian kien qalilhom li l-partijiet kollha qablu li jsir kostituzzjoni ta' debitu favur il-bank. Tgħid li l-bank bagħat xi ittri fir-rigward u l-avukat Carmelo Galea kien saħansitra ressaq kundizzjonijiet għan-nom tal-konvenuta Sonia li wara rtira u aċċetta li Sonia tiffirma l-kuntratt bħal l-oħrajn.

Tgħid li għall-ħabta ta' Jannar, 2018 irċevew abbozz ta' kostituzzjoni ta' debitu flimkien mar-riċerki relattivi.

Iżid li ftit wara, fi Frar, 2018 kienu sorpriżi li rċevew ittra ġudizzjarja mingħand il-konvenuta Sonia fejn, *inter alia*, interpellat lill-bank sabiex jipproċedi gudizzjarjament minnufih u f'każ li d-debituri prinċipali jonqsu milli jħallsu d-dejn lura, jittieħdu passi ulterjuri. Iżid li Sonia wissiet lill-bank li kienet qiegħda żżomm lill-istess bank responsabbli jekk kellha hi tkun kostretta tħallas xi ammonti minħabba li l-bank kien għadu ma' mexxiex gudizzjarjament. Iżid li dan jistona mal-eċċezzjonijiet tal-konvenuti, inkluż Sonia, fejn jallegaw li ma' ingħatawx pre-avviż raġonevoli.

Tgħid li meta l-*branch* staqsa r-raġuni wara tali ittra uffiċjali ladarba kien hemm abbozz ta' kostituzzjoni ta' debitu, l-avukat Carmelo Galea rrisponda li wara kollox Sonia kellha kull dritt tibdel fhemtha u li ma' kienitx ser tiffirma. Iżid li l-istess avukat ħeġġeġ lill-bank jibda l-proċeduri għall-bejgħ tal-proprjeta' fin-Nadur bis-subbasta.

Tgħid li huma kienu raw li fil-każ tal-bank *HSBC* il-konjuġi Borg Attard kienu nagħtaw sa' Ġunju, 2018 sabiex ibiegħu l-proprjeta' fil-Qala li huma kienu jinsistu li kellha biżżejjed valur sabiex tkopri d-djun kollha. Iżid li huma fil-fatt irreġistraw ipoteka speċjali fuq il-proprjeta' tal-Qala sabiex jiżguraw li kwalunkwe' fondi in eċċess ta' dawk dovuti lill-*HSBC* jitħallsu lilhom.

Tgħid li hija sejħet laqgħa oħra Malta fejn iltaqgħu l-partijiet kollha għajr il-konvenuta Rose. Iżid li Sonia, li attendiet ma' żewġha u mal-avukat tagħha Carmelo Galea, infurmathom li hi ma' kelliex relazzjoni tajba ma' ommha – il-konvenuta Rose – u ma' ħuha – il-konvenut Ian – u għalkemm pruvat tara kif teħles min dan il-piż ma' sabitx soluzzjoni ħlief li tinkoraġġixxi lill-bank sabiex ibiegħ bis-subbasta l-proprjeta' tagħha u ta' ħuha li qed tagħmel tajjeb għal dan is-self.

Tgħid li huma spjegaw l-implikazzjonijiet tal-proċeduri ġudizzjarji, inkluż li l-imgħax ikompli jiddekorri u li finalment, fis-subbasta, il-proprjeta' kapaċi tinbiegħ għal 60%. Iżid li spjegaw ukoll li jekk il-proprjeta' ma' tkunx suffiċjenti sabiex tkopri d-dejn, il-bank jikkunsidra mezzi ulterjuri.

Tgħid li dakinhar il-konjuġi Ian u Jennifer kif ukoll il-konvenuta Sonia assistita minn żewġha u mill-avukat Carmelo Galea ilkoll qablu sabiex il-bank iżomm lura milli jipproċedi gudizzjarjament sa' Ġunju, 2018

sabiex jingħata ċans li tinbiegħ il-proprjeta' tal-Qala u jaraw jirkuprawx id-dejn jew għalmenu parti minnu. Iżid li dakinhar huma fakkru wkoll li bħala garanti *in solidum* Sonia u Rose kienu responsabbli ghad-dejn daqs il-konjuġi Borg Attard.

Tgħid li hi u kollegi tagħha kemm mid-dipartiment tagħha f'Malta kif ukoll mil-*branch* ta' Għawdex baqgħu jċemplu lill Ian Borg Attard kif ukoll lill-avukat ta' Jennifer Borg Attard sabiex jaraw kienx hemm progress. Iżid li kull darba kienu jfakkru bl-implikazzjonijiet jekk jipproċedu.

Tiddikjara li kienu semgħu li l-*HSBC* kienu kkonċedew estensjoni oħra minn Ġunju, 2018 ghall-3 xhur oħra sabiex il-konjuġi Borg Attard ibiegħu l-proprjeta' tal-Qala. Tgħid li kienu sejħu laqgħa oħra Malta f'Lulju, 2018 fejn attendew Sonia flimkien ma' żewġha u l-konvenuta Jennifer Borg Attard flimkien ma' bintha bl-oħrajn għażlu li ma' jattendux. Iżid li hawnhekk kulħadd preżenti qabel li in vista tal-estensjoni tal-*HSBC* jistennew sa' Ottubru, 2018.

Tgħid li f'nofs Settembru saru jafu li l-*HSBC* bdew proċeduri ghas-subbasta li kienet iffissata ghall-15 ta' Ottubru, 2018. Iżid li huma żammew kelmthom b'dan li taw biss struzzjonijiet sabiex jibdew proċeduri ġudizzjarji f'Ottubru stess.

Tiddikjara li huma dejjem inkoraggew lill-partijiet debituri prinċipali u garanti solidali sabiex isibu soluzzjoni. Tgħid li ma' Sonia anke ssuggerew sabiex hi u żewġha jixtru sehem ħuha mill-proprjeta' tan-Nadur bil-bank anke jagħtihom rata favorevoli għal tali għan. Tgħid li anke ħajjru lill Sonia tippaċifika ruħha ma' ommha u ħuha sabiex forsi flimkien isibu soluzzjoni.

Tgħid li r-raġel ta' Sonia kien jattendi għal-laqgħat Malta li kienet tkun tmexxi hi. Iżid li kienet ħadet l-impressjoni li dan kien jittenta jikkalma s-sitwazzjoni bejn l-aħwa u l-omm sabiex tinstab soluzzjoni. Tgħid li jekk issa jikkontendi li l-kuntratt huwa null, tali kumment qatt ma sar la minnu u anqas minn martu jew l-avukat tagħhom tul is-snin.

Tgħid li ma' tifhimx kif issa Sonia tallega n-nullita' tal-kuntratt meta kien hemm semmai rimedju mogħti mil-liġi lill-żewġha dwar dan.

Tgħid li f'Novembru skoprew li l-konvenut Ian iffirma konvenju għall-bejgħ tad-dar tal-Qala għal €175,000, ammont ferm anqas mill-valutazzjoni tal-perit fis-subbasta li kienet ta' €240,000.

In konklużjoni tiddikjara li d-debitu in kwistjoni huwa naxxenti minn facilita' ta' *overdraft*. Iżid li għalhekk l-artikoli tal-liġi dwar il-mutwu m'humiex applikabbli.

Iżid li oltre dan huwa prinċipju stabbilit mill-Qrati nostrani li l-kunċetti ta' *ultra duplum* u anatocizmu ma japplikawx għall-facilita' ta' *overdraft*.

Tgħid ukoll li milli setgħet tara hi l-imgħax ġie dejjem applikat bir-rata permessa mil-liġi fejn l-Avviż Legali 142 tal-2009 maħruġ skont l-Artikolu 1855A tal-Kodiċi Ċivili jawtorizza lill-istituzzjonijiet ta' kreditu u dawk finanzjarji jistabbilixxu huma rata ta' imgħax fuq self, avvanzi, u kull facilita' ta' kreditu oħra.

**Anthony Bezzina**, in rappreżentanza tal-*branch* ta' Għawdex tal-bank attur, xehed permezz ta' affidavit.[17]

Jiddikjara li bejn Awwissu, 1998 u Diċembru, 2017 huwa kien id-diriġent tal-*branch* tal-bank attur fir-Rabat, Għawdex. Iżid li fost il-klijenti li kienu ħadu facilita' mill-bank kien hemm il-konjuġi Ian u Jennifer Borg Attard.

Jiddikjara li l-konjuġi Borg Attard kienu ħadu facilita' ta' *overdraft* ghal-gestiment tan-negozju ta' garr ta' merkanzija bejn Malta u Għawdex li kellu Ian. Iżid li jiftakar li f'xi stadju kienu talbu wkoll estensjoni tat-tali facilita'.

Jgħid li peress li d-dar residenzjali tal-konjuġi Borg Attard kienet diġà ipotekata mal-bank *HSBC*, il-konjuġi Borg Attard offrew id-dar tal-ġenituri tiegħu fin-Nadur bħala sigurta' għall-facilita'. Iżid li peress li missier Ian kien dakinhar diġa' mejjet, għal-kuntratt kienu attendew ommu Rose u oħtu Sonia bħala garanti, kull parti għas-sehem tiegħu jew tagħha mid-dar fin-Nadur.

[17] Affidavit a fol 33.

Jiddikjara li huwa konvint li kwalunkwe′ mistoqsija ta′ kjarifika ġiet risposta b′mod ċar dakinhar tal-kuntratt.

Jgħid li meta bdew jidhru l-problemi sabiex is-self jithallas lura, saru diversi laqgħat f′tentattiv li jintlaħaq ftehim għal-ħlas tad-dejn. Jgħid li fl-aħħar xhur, għal-laqgħat il-konvenuta Jennifer kienet tattendi ma′ ommha jew mal-avukat tagħha peress li r-relazzjoni tagħha ma′ Ian ma′ baqgħetx tajba.

Jgħid li hu ġieli prova jżomm laqgħa mal-partijiet kollha konċernati cioe′ Ian, martu Jennifer, ommu Rose, u oħtu Sonia iżda safejn jiftakar hu din qatt ma′ irnexxiet. Iżid li minkejja dan, individwalment kollha kien kellimhom.

Jgħid li r-raġel ta′ Sonia, cioe Joseph, għalkemm ma′ deherx fuq il-kuntratt peress li l-proprjeta′ ipotekata kienet parafernali, kien jaf x′kien għaddej. Iżid li dan jista′ jgħidu għaliex huwa kien mar xi darbtejn il-bank u min kif tkellem kien ċar li kien jaf bil-garanzija mogħtija minn martu favur ħuha. Jgħid li huwa, peress li kien marbut bis-sigriet professjonali, kien dejjem jinkoraggihom ikellmu avukat.

Jgħid li huwa konvint li l-partijiet kollha kienu jafu u fehmu r-responsabbiltajiet assunti minnhom. Iżid li dan jgħidu għaliex mid-diskors tagħhom kien ċar li kienu konxji li jekk l-konjuġi Ian u Jennifer ma′ jħallsux id-dejn, il-bank seta′ jirrikorri l-Qorti għall-bejgħ tal-proprjeta′ li tnisslet bħala garanzija.

Jgħid li mill-esperjenza prattika tiegħu huwa jifhem li ebda garanti ma′ jimmaġina li xi darba ser jiġi mitlub jerfa′ ir-responsabbilita′ li jkun daħal għalija, speċjalment meta d-debitur ikun qarib.

**Anthony Mario Bajada**, in rappreżentanza tal-*branch* ta′ Għawdex tal-bank attur, xehed permezz ta′ affidavit.[18]

Jiddikjara li huwa ilu mpjegat mal-bank attur sa minn Ottubru, 1997 u speċifikament mal-*branch* ta′ Għawdex minn Jannar, 2004. Iżid li bħalissa jokkupa l-kariga ta′ diriġent.

[18] Affidavit a fol 34 inkluz in verso pagina.

Jgħid li l-bank kien approva facilita' ta' *overdraft* favur il-konjuġi Ian u Jennifer Borg Attard *in solidum*. Iżid li din kienet għal-massimu ta' €58,234 in forza ta' żewġ kuntratti in atti Nutar Michael Refalo.

Jgħid li bħala garanzija mogħtija lill-bank il-klijenti kienu taw ipoteka speċjali fuq dar fin-Nadur.

Jiddikjara li r-rata ta' imgħax miftiehma kienet waħda varjabbli u nbidlet matul iż-żmien. Iżid li ovvjament din dejjem baqgħet fil-limiti permessi mil-liġi u kienet dejjem avżata bil-miktub tramite *sanction/renewal letters*.

Jgħid li meta l-bank jiddebita spejjez amministrattivi fil-kont tal-klijenti jintbagħat avviż bil-miktub.

Jgħid li qatt ma' kien fl-interess tal-bank li jirtira facilita' mingħajr ma' jagħti ċans lill-klijent jirregola ruħu. Iżid li dan anke sabiex ma' tinħoloqx diffikultà ta' likwidita' lill-klijent. Ikompli li l-bank jirtira facilita' biss jekk din tintuża b'mod mhux awtorizzat, jekk il-klijent ma' jimxix skont il-ftehim, jew jekk tinbidel is-sitwazzjoni tal-klijent.

Iżid li qabel tiġi rtirata facilita' jsiru varji laqgħat mal-klijent fejn jiġu diskussi varji għażliet li jistgħu jsiru. Iżid li l-irtirar isir biss fejn il-bank jara li m'hemmx triq oħra.

Jgħid li f'dan il-każ partikolari ntbagħtu varji ittri u saru diversi laqgħat kemm mal-klijenti kif ukoll mal-garanti li f'ħafna każijiet attendew assistit mill-avukati tagħhom. Iżid li skontu dan jikkwalifika bħala pre-avviż raġonevoli.

Jgħid li l-konvenuta Sonia u żewġha Joseph attendew flimkien għal varji laqgħat kemm ma' Anthony Bezzina, id-diriġent ta' qablu, kif ukoll miegħu u ma' uffiċjali tal-*head office* u tad-dipartiment tal-kreditu.

Jirribadixxi li Sonia u żewġha kemm il-darba marru għal tali laqgħat assistiti mill-avukat tagħhom.

Jgħid li għalhekk ir-raġel ta' Sonia kien ċertament jaf sew b'li kien qiegħed jiġri u fl-ebda mument ma' ikkontesta li martu tagħmel tajjeb għal ħuha. Iżid li anzi, waqt laqgħa li nżammet f'Marzu tal-2018 kemm

Joseph kif ukoll l-avukat tiegħu u ta' martu ippruvaw jikkonvinċu lill Sonia sabiex tagħti ċans ieħor lill ħuha Ian.

Jgħid li l-bank jibgħat rendikont tal-faċilitajiet tal-inqas darba kull sitt xhur. Jgħid li l-bank obbligat jibgħat tali rendikont biss lill-klijenti iżda l-garanti għandhom dritt jitolbu informazzjoni dwar id-dejn garantit.

Jgħid li kemm Sonia kif ukoll ommha Rose ffirmaw żewġ kuntratti bħala garanti solidali. Iżid li minkejja dan lilu ħadd minnhom qatt ma' talbu informazzjoni dwar kemm kien id-dejn garantit. Iżid li minkejja dan ma' jeskludix li l-istess ammont issemma waqt xi laqgħat.

Jgħid li l-laqgħa li nżammet Malta f'Marzu, 2018 Sonia, fil-preżenza ta' żewġha Joseph u tal-avukat tagħhom Carmelo Galea, kienet qablet li peress li l-bank *HSBC* kien ippospona l-azzjonijiet legali kontra Ian u Jennifer, kien opportun jingħata ċans ieħor sabiex ħuha jbiegħ id-dar tal-Qala sa Ġunju, 2018.

Jgħid li meta l-bejgħ tad-dar tal-Qala baqa' ma' sarx sa Ġunju, 2018, saret laqgħa oħra f'Malta f'Lulju, 2018 għal-liema attendew Sonia, żewġha Joseph, u Jennifer Borg Attard. Jgħid li hawnhekk Sonia kkonfermat li kienet taf li l-*HSBC* kien reġgħa ta' opportunita' oħra għall-bejgħ tad-dar tal-Qala minn Ġunju sa Ottubru. Iżid li hawnhekk kulħadd qabel sabiex jistennew sa Ottubru biex jaraw jekk il-bank *HSBC* jipproċediex f'liema każ ikollu wkoll jipproċedi l-bank attur.

Jiddikjara li saru diversi tentattivi sabiex id-debitu jkun regolarizzat.

Jgħid li Ian kien qalilhom li beda xogħol ġdid u kien ser jidba jiddepożita €1,000 fix-xahar. Iżid li Jennifer ukoll kienet wiegħdet li ser tibda tagħmel xi depożiti fix-xahar. Jgħid li darba oħra Ian kien anke qalilhom li wiret sehem f'dar li kien ser ibiegħ lill-zijuh u jħallas id-debitu fi żmien sena.

Jgħid li quddiem dawn il-wegħdiet il-bank kien jagħti ċans. Iżid li kienu anke saru laqgħat fil-preżenza ta' individwi li kienu nteressati jixtru d-dar tal-Qala tad-debituri. Iżid li minkejja dan qatt ma' ġie konkluż xejn.

Jgħid li fin-nuqqas ta' opzjonijiet orha, il-bank kien talab li jiġi ffirmat ftehim ta' kostituzzjoni ta' debitu sabiex il-bank jagħti benefiċċju ta' aktar

żmien. Iżid li f'Jannar, 2018 Dr. Valerie Said bagħtet abbozz ta' tali kostituzzjoni lill-bank pero' dan qatt ma' ġie ffirmat.

Jgħid li fit-2 ta' Awwissu, 2018 hu u uffiċjal ieħor mil-bank marru jkellmu lill-konvenuta Rose fid-dar tagħha fejn kien hemm ukoll Ian. Jgħid li hawn Ian infurmagħhom li kien waqa' f'dipressjoni u kellu jieqaf mix-xogħol. Iżid li Ian żid jgħid li kien hemm min rid jixtri d-dar tal-Qala iżda kien għad m'hemmx konvenju. Jgħid li Rose kienet qaltilhom li kienet diġà infurmata li l-bank kien ser ibiegħ id-dar tagħha b'subbasta jekk Ian ma' jħallasx id-dejn sa Ottubru, 2018. Jgħid li ammettiet magħhom li l-bank kien ħa biżżejjed paċenzja b'Ian li daħak biha u b'oħtu.

Jgħid li fil-21 ta' Diċembru, 2018 kien hu li ntavola dawn il-proċeduri odjerni f'isem il-bank.

**Xehed ulterjorment**[19] b'referenza għar-rendikont dettaljat esibit a fol 37 tal-proċess.

Jgħid li kull meta jkun hemm tibdil fir-rata tal-imgħax applikabbli tali tibdil ikun jidher fir-rendikonti. Iżid li r-rendikont dettaljat juri li meta nfetaħ il-kont ir-rata tal-imgħax kienet ta' 9.5% li hija d-*default rate* tal-kontijiet kurrenti. Jgħid li mbagħad, fil-25 ta' Awwissu, 2004 ir-rata niżlet għal 8% stante li dakinhar ġie ffirmat il-kuntratt dwar il-facilita' tal-*overdraft* konċessa lill-konvenuti konjuġi Borg Attard.

Jgħid li minn dakinhar 'il quddiem ir-rata nbidlet billi fit-30 ta' Jannar, 2007 telgħet minn 8% għal 8.25%, fit-30 ta' Mejju 2007 minn 8.25 għal 8.5, fid-19 ta' Mejju 2008 minn 8.5 għal 8.75, fit-3 ta' Lulju, 2009 minn 8.75 għal 9, fis-16 ta' Marzu, 2010 minn 9 għal 9.5, fl-4 ta' Jannar, 2011 minn 9.5 għal 10, u fit-2 ta' Awwissu, 2018 minn 10 niżlet għal 8.

Jgħid li r-rata tal-imgħax tiżdied peress il-kont jew ikun qabeż fuq il-limitu mingħajr awtorizzazzjoni minn qabel jew inkella ma' jkunux ġew mgħoddija l-*income tax returns* jew xi tip ta' informazzjoni rikjesta, ikun hemm xi kundizzjoni li ma' tkunx ġiet obbduta, ecc.

[19] Traskrizzjoni a fol 38 sa 43.

Jgħid li f'tali każijiet tintbagħt ittra lill-klijent li apparti li tfakkru fin-nuqqas jkun hemm miktub li jekk jibqa' m'jirrimedjax f'ċertu perijodu togħla r-rata tal-imgħax.

Jgħid li f'Awwissu, 2018 ir-rata niżlet minn 10 għal 8 peress li f'dak l-istadju kienu bagħtu l-ittra uffiċjali.

Jgħid li r-rendikont juri kull tibdil fir-rata tal-imgħax.

Jobbliga ruħu li jesibixxi eżempji ta' ittri li kienu ntbagħtu f'dan is-sens f'dan il-każ.[20]

Dwar valuri oħra li jittieħdu mil-kont tal-klijenti bħala *charges* jew *fees* jgħid li kull meta jiġri hekk il-bank jinnotifika lill-klijent bl-ammont u r-raġuni għalfejn ttieħed tali valur.

Jgħid li spejjez oħra li ġew addebitati lill-kont kienu spejjez legali bħal dawk relattivi għal-abbozz tal-ftehim tal-facilita' bankarja, spejjez dwar riċerki neċessarji, u spejjez amministrattivi.

Dwar li l-konvenuti konjuġi Borg Attard marru oltre l-limitu tal-facilita' jgħid li l-prassi hi li meta l-bank jara li l-bilanċ huwa aktar mil-limitu, id-diriġent jikkomunika mal-klijent sabiex jara hux beħsiebu jagħmel pagament jew għandux bżonn ta' dak li jissejjaħ *excess* bil-bank wara jara u jikkomunika jekk hux sejjer jonora c-ċekkijiet jew jekk hux ser jibgħat l-istess lura bil-bilanċ jerġa jinżel taħt il-limitu sanzjonat.

Jgħid li fil-każ tal-konvenuti konjuġi Borg Attard fil-bidu l-facilita' kienet għaddejja tajjeb tant li l-bank awtorizza żieda fil-limitu tal-*overdraft* darbtejn.

Jgħid li sabiex awtorizza tali żidiet il-bank ikun kkunsidra l-pożizzjoni finanzjarja tal-klijent u jekk jaraw li z-żieda hija ġustifikabbli, jawtorizzawha.

Jgħid li fil-każ tal-konjuġi Borg Attard kien hemm varji okkażjonijiet fejn qabżu l-limitu bi ftit mijiet bil-pożizzjoni ġiet iżda regolarizzata fi kwistjoni ta' ġranet. Iżid li għalhekk ma' kienx hemm problemi.

---

[20] Jezebixxi l-istess permezz ta' nota tal-bank attur tat-3 ta' Mejju, 2019 – a fol 52 – bid-dokumenti – sensiela ta' ittri li bihom il-bank informa lill-klijenti konjugi Borg Attard bil-bidla fir-rata tal-imghax applikabbli – a fol 53 sa 56.

Jgħid li darba minnhom il-bank awtorizza *excess* ta €9,000 fuq il-limitu sanzjonat ghal-3 xhur bil-bilanċ reġgha niżel skont kif kien il-ftehim tal-facilita'.

Jgħid li l-problemi bdew f'April tal-2011 meta l-bilanċ kien maqbuż bi ftit u minn dakinhar saru xi depożiti iżda dawn kienu ferm inqas milli kienu jkunu soltu. Jgħid li ftit wara d-depożiti waqqfu għal kollox.

**In kontro-eżami**, xehed[21] li t-tieni żieda fuq l-ammont oriġinali li kien issanzjona il-bank tellgħet l-ammont għal Lm25,000 ossia cirka €58,000. Iżid li għalhekk, dakinhar il-limitu kien ta' cirka €58,000.

Mistoqsi kif inhu possibbli li z-żiedet kollha li semma hu bħal ma' huma żidiet fl-imgħax, spejjez bħal dawk amministrattivi, eċċ waslu sabiex tellgħu s-somma minn limitu ta' cirka €58,000 għal €128,000, iktar mid-doppju u nofs, jgħid li r-rendikonti juru ċ-ċaqliq kollu u allura kif waslu għal dak il-valur. Iżid li prattikament ftit wara April, 2011 waqqfu d-depożiti u minn dakinhar 'l quddiem kien hemm imgħax u *charges*, li jidhru kollha fuq ir-rendikont.

Jgħid li f'April, 2011 il-valur tal-*overdraft* kien ta' ftit aktar mil-limitu ta' cirka €58,000.

Jaqbel li huma rċevew talba mingħand il-konvenuta Sonia sabiex il-bank jaġixxi kontra l-konvenut Ian Borg Attard sabiex l-imgħaxijiet ma' jkomplux jikbru. Iżid li tali talba saret b'ittra tal-avukat ta' Sonia, Carmelo Galea.

Jgħid li wara tali ittra kienet saret laqgħa fl-uffiċini tal-bank f'Malta fejn kienu preżenti Ian, martu Jennifer, oħtu Sonia u l-avukati tagħhom.

Jgħid li jekk mhux sejjer żball dan kien f'Marzu, 2018 fejn imbagħad kienu qablu li peress li l-*HSBC* kien ser jieħu passi ġudizzjarji fuq id-dar ta' residenza ta' Ian u martu fil-Qala, kien opportun li jagħtu ċans sabiex Ian jipprova jbiegħ tali dar hu, u dan sa Ġunju, fejn imbagħad, kif kienu ser jieħdu passi l-*HSBC* kienu jieħdu passi huma wkoll.

---

[21] Traskrizzjoni a fol 43 sa 49.

Jgħid li minkejja dan, gara li l-*HSBC* reġgħa estenda t-terminu sabiex Ian jittenta jbiegħ hu stess id-dar tal-Qala minn Ġunju sa Ottubru u huma reġgħu ltaqgħu mal-klijenti u sar qbiel li jerġgħu jistennew forsi Ian jirnexxielu jbiegħ sa Ottubru. Jgħid li meta f'Ottubru imbagħad il-bejgħ reġgħa ma' kienx seħħ huma mexxew b'din il-kawża.

Mistoqsi jekk lill-konvenuta Sonia qattx infurmuwha biz-ziediet fir-rata tal-imgħax jgħid li bħala bank huma obbligati biss jinfurmaw lill-klijenti mhux ukoll lill-garanti. Iżid li l-bank joħroġ l-ittri sanzjonarji lill-klijenti biss. Jgħid iżda li minkejja dan, l-aħħar paragrafu tat-tali ittri, fejn jiffirma l-klijent, ikun jgħid li fejn hemm garanti l-istess għandu dritt imur il-bank u jottjeni kull informazzjoni pertinenti.

Jgħid li kemm ilu diriġent tal-bank hu Sonia qatt ma' talbet informazzjoni la dwar il-bilanċ u anqas dwar l-imgħax. Jgħid li Sonia setgħet anke talbet ir-rendikonti iżda anqas dan qatt m'għamlitu. Iżid li minkejja dan ma' jeskludix li waqt laqgħat varji miegħu u mad-diriġent ta' qablu dawn l-affarijiet ġew diskussi.

Mistoqsi jekk waqt il-laqgħa li semma li nżammet Malta ġietx imsemmija z-żieda fir-rata tal-imgħax jgħid li ma' jiftakarx iżda ma hemm xejn fil-moħbi għax kollox jirriżulta mir-rendikont kull kif.

Mistoqsi xi jgħid jekk jingħad lilu li Sonia talbet tali nformazzjoni b'ittra tal-2017 iżda l-istess ma' inghatatiliex u jekk għandux kopja ta' tali ittra fl-arkivji tal-bank jgħid li bl-amment ma' jiftakarx jekk f'tali ittra Sonia kienitx talbet informazzjoni dwar ir-rata ta' imgħax iżda tali ittra saret qabel il-laqgħa li nżammet Malta fejn ġie diskuss kollox. Iżid li żgur li kull informazzjoni li ntalbet ingħatat.

Jobbliga ruħu li jġib dettalji dwar kull laqgħa li nżammet mil-bank mal-klijenti.

Mistoqsi jikkonferma li Sonia qatt ma' rat ir-rendikont għajr meta dan ġie esibit f'din il-kawża, jerġa jgħid li kull garanti jingħata kull informazzjoni relattiva għal dak li ggarantixxa fuq sempliċi talba tiegħu.

Iżid li l-bank ikollu l-awtorizzazzjoni tal-klijent sabiex jgħaddi tali nformazzjoni lill-garanti sa mill-istadju tal-iffirmar tal-ftehim dwar il-facilita'.

Jinsisti li jekk issir talba huma jgħaddu l-informazzjoni.

Jerġa jgħid ukoll li għalkemm jiftakar li ntbaghet ittra f'isem Sonia mill-avukat tagħha, ma' jiftakarx x'kien hemm f-istess ittra. Iżid li jista' jiċċekkja l-arkivji sabiex jara x'intalab u x'intbgħat.

**In re-eżami**, xehed[22] li l-informazzjoni kollha dwar bidla fir-rata tal-imgħax tkun rispekjata fir-rendikont li juri d-data tal-bidla u l-valur tal-bidla. Iżid li oltre dan huma joħorġu ittra meta sseħħ ċirkostanza li tiskatta bidla fl-imgħax u l-istess ittra tkun tagħti perjodu ta' mora fejn jekk il-klijent ma' jirrimedjax in-nuqqas f'tali perjodu biss effettivament tgħola r-rata tal-imgħax.

Jgħid li minħabba f'dan ir-rendikont juri biss meta tgħola r-rata iżda mhux ukoll iċ-ċirkostanzi taħt liema tkun għolliet.

**Xehed ulterjorment[23]** dwar ittri li l-bank kien jibgħat sabiex jinforma lill-klijenti li kien hemm nuqqasijiet attribwibbli lilhom f'li jippreżentaw dokumenti rikjesti jew li qabżu l-limitu tal-facilita' bankarja mogħtija lilhom.

Jgħid li bl-istess ittri l-bank attur kien jinforma lill-klijenti bin-nuqqasijiet relattivi u jagħti terminu sabiex l-istess jiġu rimedjati filwaqt li jinforma lill-klijenti li fin-nuqqas ta' adempiment f'tali terminu kienet ser tgħola r-rata tal-imgħax. Iżid li wara kienet tintbagħat ittra oħra li tinforma lill-klijenti li għolliet ir-rata tal-imgħax per konsegwenza tan-nuqqasijiet tagħhom.

Jesibixxi sensiela addizzjonali – oltre dawk diġà esibiti bin-nota tal-bank attur tat-3 ta' Mejju, 2019 a fol 52 – tal-istess ittri.[24]

Jgħid li tali ittri kienu jintbagħatu prattikament kull xahar. Jispjega li huwa qed jissottometti biss numru tat-tali ittri mhux l-ittri kollha li ntbagħtu.

[22] Traskrizzjoni a fol 50.
[23] Traskrizzjoni a fol 58 sa 63.
[24] Sensiela ta' tlett ittri datati 22 ta' Dicembru, 2016, 25 ta' Jannar, 2011, u 20 ta' Dicembru, 2010 li jinfurmaw lid-debituri principali konjugi Ian u Jennifer Borg Attard b'diversi nuqqasijiet taghhom inkluz f'li jipprezentaw dokumenti rikjesti u bil-fatt li jekk jibqaw hekk inadmepenti sa' terminu specifikat tghola r-rata tal-imghax, jew li b'rizultat ta' tlai nuqqas diga' gholiet ir-rata ta' imghax – ittri a fol 68, 69, u 70.

Jispjega li bl-ittri jinfurmaw lill-klijenti x'hemm b'lura kif ukoll li jekk jibqgħu in inadempiment ta' dak mitlub minnhom tgħola r-rata tal-imgħax. Jgħid li wara dan il-bidla fir-rata tal-imgħax tiġi wkoll riflessa fir-rendikont li jinħareġ lill-klijenti kull 6 xhur.

Dwar id-domandi li sarulu in kontro-eżami fuq jekk il-konvenuta Sonia qattx talbithom rendikont li huma naqsu li jipprovdulha, jgħid li huwa ra l-fajl kollu u talba tali bil-miktub qatt ma' kien hemm. Iżid li kemm ilu diriġent hu mill-2017 tali talba anqas verbalment ma qatt saret.

Jerġa jgħid li ma' jeskludix li waqt xi waħda mid-diversi laqgħat li saru fejn attendiet Sonia ssemma l-bilanċ pero' talba speċifika għar-rendikont da parti tagħha qatt ma' saret, la bil-miktub u anqas verbalment.

Jgħid li fil-kontro-eżami tiegħu ssemma wkoll li kienet intbagħtet ittra għan-nom tal-konvenuta Sonia mil-legali tagħha Dr. Carmelo Galea fejn intalbet kopja tar-rendikont u li, minkejja din it-talba formali, tali kopja tar-rendikont ma' ġiex mgħoddija lill-istess Sonia.

Jippreżenta kopja ta' ittra ġudizzjarja[25] u jgħid li fl-istess anqas hemm talba għal-rendikont. Jgħid li b'din l-ittra Sonia talbet sabiex il-bank jieħu azzjoni sabiex iwaqqaf l-emorraġija tal-imgħax. Jgħid din kienet l-ittra li waslet għal-laqgħa li semma fix-xhieda preċedenti li nżammet fl-uffiċini tal-bank f'Malta fil-preżenza tal-klijenti u l-legali tagħhom u ġie maqbul li jingħata żmien sa Ġunju sabiex jaraw l-*HSBC* jiċċaqlaqx versu s-subbasta. Iżid li għal tali laqgħa kien preżenti huwa wkoll.

Jgħid li s-sistema tagħhom żżomm rekord ta' kull meta jinħareġ rendikont iżda mhux ukoll ta' fuq talba ta' minn ikun inħareġ. Iżid li r-rendikont joħroġ kull 6 xhur b'mod awtomatiku u drabi oħra jekk isseħħ talba speċifika għalih.

Dwar l-obbligu li kien assuma quddiem din il-Qorti li jġib dettalji dwar kull laqgħa li nżammet mil-bank mal-klijenti, jgħid li għamel riċerka u sab diversi notamenti ta' laqgħat li nżammu mil-bank attur jew mal-

[25] Ittra gudizzjarja numru 65/2018 datata t-2 ta' Frar, 2018 a fol 71 u 72 maghmulha minn Sonia kontra Ian u Jennifer Borg Attard kif ukoll kontra l-bank attur fejn il-konvenuta Sonia, wara li tirreferi ghal-kuntratt ta' facilita' ta' *overdraft* tad-9 ta' Gunju, 2006 li tikkonferma li ffirmat ukoll hi stess bhala garanti *in solidum* u per konsegwenza li kkostitwit ipoteka specjali fuq id-dar numru 15, Triq Sant'Andrija, in-Nadur, tinterpella, *inter alia*, lill-bank attur sabiex jiehu passi sabiex jirriskwota l-ammont dovut lilu.

klijenti debituri prinċipali Ian u Jennifer Borg Attard, jew mal-avukati tagħhom, jew mal-garanti, jew magħhom ilkoll.

Jesibixxi bħala eżempju kopja ta' ittra reġistrata li ntbagħtet lill-konvenuta Sonia b'sejħa għal-laqgħa.[26] Jgħid li bħal l-istess ittra hemm diversi oħrajn fil-fajl tal-bank.

Iżid li fosthom nżammet il-laqgħa ta' Malta li segwit l-ittra ġudizzjarja tal-konvenuta Sonia u jiftakar mil-memorja li meta l-konvenuti Ian u Jennifer Borg Attard bdew il-proċeduri ta' separazzjoni l-avukat Charlie Galea mar il-*branch* tal-bank Għawdex għal-laqgħa mad-diriġent ta' qablu, Anthony Bezzina, b'Bezzina sejjaħlu jattendi l-istess laqgħa magħhom.

Iżid li fil-kontro-eżami tiegħu l-avukat tal-konvenuta Sonia semma ittra tal-2017. Jgħid li huwa ma sab ebda ittra tal-2017 iżda sab dik ġudizzjarja ta Frar, 2018 li esibixxa qabel.

**In kontro-eżami**,[27] xehed li jaqbel li r-rendikont qatt ma' ntbagħat b'mod awtomatiku lill-konventua Sonia għaliex tali m'hijiex prassi tal-bank. Iżid li l-prassi hi li l-ittri jintbagħatu lid-debituri prinċipali mhux lill-garanti.

Mistoqsi jekk jaqbilx li laqgħa l-*head office* tal-bank f'Malta saret biss waħda, jgħid li le. Iżid li min-notamenti fil-fajl jirriżulta li saru tnejn.

Jgħid li l-ittra uffiċjali f'isem Sonia saret fi Frar, 2018 bl-ewwel laqgħa nżammet wara l-istess ittra fejn sar qbiel li jistennew sa Ġunju, 2018 sabiex jaraw x'kien ser jagħmel il-bank *HSBC*. Jgħid li wara dan kienet saret laqgħa oħra fejn peress li l-*HSBC* kienu reġgħu estendew it-terminu li taw sa Ġunju għal-Ottubru il-bank attur qabel li jipposponi kull azzjoni tiegħu.

Jgħid li tat-tali tieni laqgħa jista' jesibixxi l-minuti.

Jgħid li fil-fatt il-bank attur ipproċeda biss wara li l-bank *HSBC* mexxa bis-subbasta.

[26] Ittra datata l-31 ta' Ottubru, 2014 mibghuta mil-bank attur lill-konvenuta Sonia b'talba sabiex tattendi laqgha dwar il-facilita' bankarja moghtija lill Ian u Jennifer Borg Attard a fol 73.
[27] Traskrizzjoni a fol 63 sa 67.

Mistoqsi jekk jaqbilx li l-ittri li bihom il-bank kien jinforma li ser tgħola r-rata tal-imgħax intbagħtu biss lid-debituri prinċipali jgħid li iva. Iżid li dan stante li l-garanti m'humiex responsabbli sabiex iressqu d-dokumenti li kien għadhom meħtieġa skont l-istess ittri.

Mistoqsi jekk intbagħtux aktar ittri reġistrati jsejħu lill-konvenuta Sonia għal xi laqgħa tal-bank jgħid li iva. Jobbliga ruħu li jippreżenta kopja ta' kull tali ittra.[28]

**In kontro-eżami ulterjuri**,[29] mistoqsi jekk mil-valur globali li qiegħed jitlob il-bank b'din l-istanza jistax jestrapola kemm kien l-ammont li ġie misluf, kemm kien hemm spejjez u *charges*, u kemm hemm imgħax sa meta dan ġie kkalkolat jgħid li kollox jirriżulta mir-rendikont dettaljat diġà esibit in atti.

Jobbliga ruħu li jestrapola tali nformazzjoni.[30]

Mistoqsi jikkonferma x'kien il-limitu tal-*overdraft* jgħid li bl-ewwel kuntratt kien ta' Lm16,000 li mbagħad ġie estiż bit-tieni kuntratt għal Lm25,000.

Mistoqsi jekk allura d-differenza kollha bejn l-ammont mitlub b'din il-kawża u dak oriġinarjament misluf ta' Lm25,000 hijiex fil-fatt imgħax u *charges* jgħid li le. Iżid li kien hemm drabi fejn il-limitu tas-self inqabeż.

[28] Jipprezenta kopji tal-istess u ta' ittri ulterjuri permezz tan-nota tal-bank attur tal-5 ta' Frar, 2021 – nota a fol 87 li biha jezebixxi [**i**] kopja ta' ittra registrata datata s-26 ta' Novembru, 2013 mibghuta lill-konvenuti kollha b'sejha ghal-laqgha u b'notament li d-debitu kien telgha ghal €80,984 – a fol 91; [**ii**] kopja ta' ittra registrata datata l-31 ta' Ottubru, 2014 mibghuta mil-bank attur lill-konvenuta Sonia b'talba sabiex tattendi laqgha dwar il-facilita' bankarja moghtija lill Ian u Jennifer Borg Attard – a fol 92, precedentement diga' ezebita a fol 73; [**iii**] kopja ta' ittra registrata datata d-29 ta' Mejju, 2015 mibghuta mil-bank attur lill-konvenuta Sonia b'talba sabiex tattendi laqgha dwar il-facilita' bankarja moghtija lill Ian u Jennifer Borg Attard – a fol 93 bi prova tal-kunsinna tal-istess a fol 94; [**iv**] kopja ta' ittra registrata datata l-1 ta' Marzu, 2017 u mibghuta mill-bank attur lill-konvenuta Sonia sabiex jinformaha li d-debituri principali, il-konvenuti Ian u Jennifer Borg Attard, kienu in inadempiment tal-pagamenti dovuti minnhom bid-debitu telgha ghal €109,084.42, b'dan li sejjeh lill-konvenuta Sonia Borg Attard tersaq sabiex hi thallas l-istess valur fl-interita' tieghu – a fol 95 – bi prova tal-kunsinna tal-istess a fol 96; [**v**] kopja ta' ittra mibghuta mill-*head office* tal-bank attur f'Malta lill-konvenuti kollha, iffirmata mill-Avv. Helena Said li xehdet f'dawn il-proceduri, u datata l-1 ta' Gunju, 2017 b'sejha ghal-laqgha *"bl-iskop li tigi diskussa l-posizzjoni attwali biex possibilment jintlahaq ftehim"* bi stedina li l-konvenuti jattendu ghal-laqgha *"akkompanjati minn persuna tal-fiducja taghkom"* – a fol 97; [**vi**] kopja ta' ittra bhal dik precedenti hawn meqjusa fil-punt [v] izda datata t-13 ta' Marzu, 2018 – a fol 99; [**vii**] kopja ta' ittra bhal dawk precedenti hawn meqjusa fil-punti [v] u [vi] izda datata s-16 ta' Lulju, 2018 – a fol 101; [**viii**] kopja ta' ittra legali mibghuta mil-bank attur lill-konvenuti kollha, datata s-26 ta' Settembru, 2018, ssejjah lill-konvenuti *in solidum* sabiex fi zmien tlett ijiem ihallsu l-bilanc pendenti ta' €126,725.18 *"rapprezentanti bilanc ghad-debitu fil-facilita' ta' overdraft moghtija lid-debituri principali permezz ta' zewg kuntratti fl-atti tan-Nutar Michael Refalo […] oltre l-imghaxijiet"* – a fol 103; [**ix**] kopja tal-ittra gudizzjarja numru 571/18 datata l-11 ta' Ottubru, 2018 mibghuta mil-bank attur lill-konvenuti kollha jintepellaghhom sabiex *in solidum* ihallsu is-somma ta' €126,832.80 *"rapprezentanti bilanc ghad-debitu fil-facilita' ta' overdraft moghti lid-debituri principali […] oltre l-imghaxijiet"* – a fol 104, timbri tar-riferti jikkonfermaw in-notifika lill-kull konvenut a fol 105.
[29] Traskrizzjoni a fol 191 sa 195.
[30] Jestrapola l-istess f'rendikont li jezbixxi waqt kontro-ezami ulterjuri tieghu liema rendikont jinsab a fol 199.

Jgħid li l-fatt li l-limitu tal-*overdraft* inqabeż jirriżulta wkoll mic-*chaser letters* li bagħtu.

Mistoqsi jifhimx l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti li huma dwar *charges* eċċessivi u imgħax *ultra duplum*, jgħid li r-regola tal-*ultra duplum* tapplika biss f'ak ta' *loan* mhux ukoll f'każ ta' *overdraft*.

**In kontinwazzjoni tal-kontro-eżami**,[31] xehed li skont l-obbligu li assuma fl-aħħar xhieda mogħtija minnu sabiex jestrapola valuri distinti mit-total mitlub mil-bank f'din l-istanza ossia, sabiex jestrapola il-kapital, imgħax, spejjez u *charges*, jista' jgħid li oriġinarjament il-facilita' ta' *overdraft* ingħatat għal Lm16,000 b'wara żdiedet għal Lm25,000. Jgħid li l-kont infetaħ fl'2003.

Jesibixxi rendikont li juri x'ingibed mill-klijent f'kontanti u b'ċekkijiet li ħareġ il-klijent u ssarrfu, x'ġie miżjud bħala imgħax u *charges* kif ukoll x'ġie depożitat lura mill-klijent kemm b'kontanti kif ukoll b'ċekkijiet.[32]

Jgħid li varji ċekkijiet ta' ripagament tal-klijent ma' ssarfux għaliex ma' kienx hemm biżżejjed fondi.

Jgħid li r-rendikont ikopri perijodu ta' 15-il sena.

Jgħid li peress li l-facilita' kienet ta' *overdraft* il-prassi hi li l-imgħax jiġi addebitat lill-kont b'dan li jizdiedu mal-bilanċ.

Dwar ic-*charges* jgħid li dawn huma *charges* tal-bank li deheru f'kull rendikont li minn żmien għal żmien intbgħat lill-klijent.

Mistoqsi kemm kellu jkun l-imgħax skont il-kuntratt jgħid li l-imgħax applikabbli jirriżulta mis-*sanction letters* diġà esibiti fl-atti ta' din l-istanza. Iżid li fil-kuntratt ma' jkunx hemm imniżżel rata ta' imgħax. Iżid ukoll li r-rendikonti li jintbagħtu lill-klijent juru kull bidla li sseħħ fir-rata ta' imgħax applikabbli.

Jgħid li fil-fatt meta nfetaħ il-kont beda b'rata ta' imgħax ta' 9.5% li hija dik *standard* għal-kont kurrenti. Iżid li wara dan kull meta nbidlet ir-rata dan ġie rifless fir-rendikont li jkun segwa l-bidla.

31 Traskrizzjoni a fol 198a sa 198i.
32 Rendikont a fol 199.

Jgħid li l-imgħax ikun żdied bħala *penalty interest* bħal meta jinqabez il-limitu tal-facilita'. Jgħid li f'tali każ tkun ukoll intbaghtet ittra tinforma lill-klijent li ser ikun hemm żieda fir-rata tal-imgħax.

Jgħid li f'każ li jinqabeż il-limitu tal-facilita' il-bank jibda jiġri wara l-klijent minn ta' l-inqas tlett xhur qabel jinponi żieda fir-rata tal-imgħax. Jgħid li hawn lill-klijent jibdew ihegguh jagħmel depożitu. Iżid li wara tlett xhur jibgħatu ittra oħra fejn jinformaw lill-klijent li dak mitlub minnu għadu ma' sarx iżda jerġgħu jagħtu qisu xahar żmien qabel effettivament japplikaw iż-żieda fir-rata tal-imgħax.

Jispjega ulterjorment li l-kont infetaħ b-rata ta' imgħax ta' 9.5%, mhux l-*overdraft*. Jgħid li kull kont kurrenti jitlaq b'dik ir-rata b'dan li l-*overdraft* ħarġet wara li nfetaħ il-kont. Iżid li meta ingħatat l-*overdraft* ir-rata niżlet skont is-*sanction letter*.

Jgħid li mingħajr is-*sanction letter* ma' jistax jgħid kemm kienet ir-rata tal-imgħax li biha telaq l-*overdraft.* Iżid iżda li fiż-żmien li ingħata l-*overdraft* lill-konvenuti konjuġi Borg Attard ir-rata kienet ta' ċirka 7.5 jew 8%.

Mistoqsi kemm telgħet ir-rata tal-imgħax tul iż-żmien u jekk kienx hemm żmien li telgħet għal 12% jgħid li ma' jaħsibx. Iżid li l-aħħar li spiċċa kien bit-8%.

Jaqbel li huma bdew jibgħatu l-ittri – li huwa jsejjaħ *chasers* – fejn kull darba l-imgħax żdied b'0.5%. Jgħid li dak huwa fil-fatt il-*penalty interest*.

Moqrija lilu parti minn ittra li tgħid *"kindly note that the interest has been increased by 0.5% until regularisation of pending items"* jgħid li dik hija fil-fatt *penalty interest* minkejja li m'hemmx il-kelma *"penalty"*. Jgħid li darba l-klijent jirregolarizza l-pożizzjoni tiegħu skont dak rikjest minnu r-rata terga tonqos.

Jgħid li l-konvenuti Ian u Jennifer Borg Attard weħlu *average* ta' 6,600 kull sena fuq perijodu ta' 15-il sena. Iżid li jekk kellhom *average balance* ta' 100,000 l-*average interest rate* kienet għalhekk ta' 6.6%.

Mistoqsi jekk l-imgħaxijiet kienux jiġu aġġunti mal-kapital b'dan li jerġgħu mbagħad jikkalkulaw imgħaxijiet fuqhom jgħid li iva. Iżid li dik hija l-prassi bankarja f'każ ta' facilita' ta' *overdraft*.

Mistoqsi għalfejn il-bank niżżel ir-rata tal-imgħax ghal-8% immedjatament meta fetaħ il-kawża u jekk dan huwiex indikattiv allura li kien hemm xi ħaġa ħażina jgħid li dik tkun deċiżjoni kummerċjali bħal ma' tkun waħda li tgħolli l-imgħax. Iżid li l-bank għandu kull dritt jimponi l-imgħax li jidhirlu xieraq.

Bħala *charges* addebitati lill-kont jgħid li dawn jinkludu *processing fees* u *renewal fees* ta' kull sena, *fee* fuq kull ċekk li jkun ritornat għaliex ma' jkunx hemm biżżejjed fondi, u *fees* amministrattivi wara kull ittra.

Jgħid li tali *charges* jighru kollha fir-rendikont dettaljat diġà esibit.

**In kontinwazzjoni tal-kontro-eżami**,[33] xehed billi esibixxa dokument li juri r-rati ta' imgħax kollha applikati fuq l-*overdraft* tal-konvenuti Ian u Jennifer Borg Attard tul iż-żmien mindu nfetaħ il-kont b'wara nħareġ l-*overdraft* sa ma' nfetħet il-kawża odjerna.[34]

Jesibixxi wkoll kull dokument li bih il-bank attur informa lill-istess konvenuti dwar il-bidla fir-rata tal-imgħax applikabbli u r-raġuni wara tali bidla.[35]

Jgħid li l-klijenti ġew infurmati b'kull bidla fir-rata tal-imgħax b'mod miktub.

Jobbliga ruħu li fis-seduta li jmiss jippreżenta dokument simili dwar *charges* u *fees*.

**In kontinwazzjoni tal-kontro-eżami**,[36] jesibixxi dokument f'forma ta' tabella fejn jindika kull data li fiha nbidlet ir-rata tal-imgħax flimkien mat-totali għal kull perijodu għal-perijodu sħiħ mill-ftuħ tal-kont sa' ma ġiet intavolata din il-kawża[37] kif ukoll lista ta' *charges* u *fees* kollha.[38]

---

[33] Traskrizzjoni a fol 205 u 206.
[34] Dokument a fol 207 b'dokumenti addizjonali annessi mieghu a fol 208 sa 223.
[35] Dokumenti a fol 208 sa 223.
[36] Traskrizzjoni a fol 226 sa 233.
[37] Tabella a fol 239.
[38] Lista ta' *charges* u *fees* a fol 240 sa 246.

Mistoqsi x'inhi r-raġuni li l-interessi ivarjaw bejn 8% u 10% jgħid li fix-xhieda li ta' qabel esibixxa kull ittra li ntbagħtet b'referenza għal-varjazzjoni fir-rata tal-imgħax. Jgħid li fl-istess ittri tingħata r-raġuni għalfejn tkun qed tiġi varjata r-rata tal-imgħax.

Mistoqsi jekk jaqbilx li din hija iżda deċiżjoni unilaterali tal-bank jgħid li kull bank għandu dritt ivarja l-imgħax skont il-ħtieġa. Iżid li dan skont il-poteri li l-liġi tagħti lill-banek bħala entitajiet liċenzjati fis-servizzi finanzjarji.

Mistoqsi jekk l-imgħax għandux ivarja skont ir-rati tal-bank ċentrali jgħid li le. Iżid li kif juru l-ittri li diġà esibixxa l-imgħax jista' wkoll ivarja b'riżultat tal-kondotta tal-kont.

Jgħid li fil-każ in mertu kien hemm okkażjonijiet fejn il-klijent wara żmien twil mitlub jissottometti l-istess dokumenti lill-bank baqa' inadempjenti. Jgħid li tali agir jiskatta żieda fir-rata tal-imgħax sabiex il-klijent ikun incentivat jiġi in regola.

Mistoqsi jekk jaqbilx li kienu qed jaqbżu r-rata mogħtija mil-bank ċentrali jgħid li l-bank ċentrali ma' jagħtix l-għola rata iżda l-*base rate*. Jgħid li kull bank imbagħad jibni fuq tali *base rate* skont ir-riskju li jkun qed jassumi ma' kull klijent partikolari.

Jgħid li bħala eżempju, xi ħadd bi *credit score* tajjeb ikun suġġett għal żieda marġinali fuq il-*base rate*.

Jgħid li fil-bidu ta' kull relazzjoni ġdida l-bank jagħmel analiżi tal-klijent u tar-riskju assunt mil-bank fir-rigward, mas-*sanction letter* jagħti rata ta' imgħax, imbagħad l-istess tiġi varjata skont il-kondotta tal-klijent.

Mistoqsi għalfejn il-bank attur baqa' jagħti l-facilita' lid-debituri konvenuti meta dawn kienu diġà' qabżu l-limitu tal-facilita' li kien ta' Lm25,000 jgħid li lill Ian, bħal kull klijent ieħor, kienu temporanjament iħalluh jaqbeż il-limitu approvat. Jgħid li dan iseħħ peress li, per eżempju, ikun diġà' hemm ċekkijiet f'idu li jkun għadu ma' marx bihom il-bank. Iżid li huma jkunu jafu b'tali ċekkijiet allura jħalluh jaqbeż il-limitu u mbagħad imur jiddepożita sabiex jiġi *in order*.

Jgħid li fil-każ in mertu Ian kellu *temporary access* formali, bl-ittri approvati u mexa magħhom.

Mistoqsi għalfejn Ian tħalla jaqbeż il-limitu tant drabi meta ma' kienx qed imur jiddepożita jgħid li hija sitwazzjoni normali.

Jaqbel li l-valur li qiegħed hawn jittallab mil-bank huwa ferm aktar għoli minn dak ta' Lm25,000 oriġinarjament konċess lill Ian. Jgħid li 99% tal-eċċess huwa fil-fatt *charges* minħabba ċekkijiet li Ian kien qed jgħaddi lill bank li ma' jissarfux. Iżid li l-kumplament huma imgħaxijiet.

**In kontro-eżami ulterjuri**,[39] jaqbel li sad-data tat-28 ta' Diċembru, 2007 il-figuri fil-lista ta' *charges* u *fees* esibita minnu a fol 240 sa 246 huma lkoll Liri Maltin u minn hemm 'il quddiem huma Ewro.

Mistoqsi jaqbilx li għal kull ċekk li ma' ġiex onorat u ġie ritornat lill Ian il-bank żamm spiża ta' €11.65 sa ċertu punt u ta' €20 minn tali punt il-quddiem – stante li għolla r-rata dwar ċekk mhux onorat – għal total komplessiv ta' €3,136.60 li miegħu m'għanda xejn x'taqsam il-konvenuta Sonia stante li hi ggarantit biss il-limiti tal-valur misluf lill Ian u martu mhux ukoll li Ian u martu jonoraw l-obbligi tal-kuntratt, jgħid li Sonia u ommha aċċettaw f'żewġ kuntratti li jiggarantixxu għall-facilita' mogħtija lill Ian u Jennifer. Jgħid li bħali tali huma responsabbli għal kull valur dovut lill-bank li għandu x'jaqsam mal-facilita' iggarantita.

Jgħid li l-garanti jidħol garanti għal kollox mhux għal biċċa jew oħra.

Jgħid li l-konvenuta Sonia kienet ben konxja li l-facilita' ma' kienitx qed titmexxa tajjeb.

Jgħid li l-garanti jista' meta jrid imur il-bank u jitlob l-informazzjoni kollha li jeħtieġ.

Jaqbel li l-konvenuta Sonia kemm-il darba għamlet premura mal-bank sabiex l-istess jieħu passi kontra ħuha Ian. Jerga jispjega l-kwistjoni taċ-ċans li taw lill Ian sabiex skont kif anke kien miftiehem mal-bank *HSBC* jipprova jbiegħ dar tiegħu direttament hu minflok issir subbasta.

[39] Traskrizzjoni a fol 233 sa 238.

**Joseph Busuttil**, eks raġel tal-konvenuta Sonia Borg Attard gja Busuttil, xehed[40] li huwa jaf li Sonia u ommha kienu għamlu tajjeb għal hu Sonia, Ian, mal-bank attur. Iżid li dan kien għal self li Ian ħa mingħand il-bank.

Jgħid li huwa ma' kienx preżenti għal-iffirmar tal-kuntratt iżda darba attenda għal xi laqgħa Malta. Iżid li għal-laqgħa kien hemm Ian, martu Jennifer, Sonia, xi diriġenti tal-bank, u jaħseb li kien hemm ukoll l-avukat ta' Sonia, Dr. Carmelo Galea.

Mistoqsi minn kien talab il-laqgħa u x'ġie diskuss jgħid li ma' jiftakarx sew iżda jaħseb li kienet sabiex isir xi arranġament. Jgħid li huwa ma' tantx kien imdaħħal għax kienet tmexxi l-eks mara tiegħu. Jgħid li hu kien sempliċiment jattendi ma' martu.

Mistoqsi mil-Qorti għalfejn kien jattendi ma' martu u jekk l-istess martu kienitx qaltlu xi ħaga jgħid li hu l-iżjed li kien imur kien biex iwassal lill martu iżda ġie li daħal magħhom għal-laqgħa. Iżid li jaħseb li għal-ewwel qalulu li huwa ma' kellux x'jaqsam iżda mbagħad ħallewh jidħol.

Jikkonferma li dakinhar tal-laqgħa hu u l-konvenuta Sonia kien għadhom miżżewġin.

Mistoqsi jekk huwa marx għand l-avukat ta' l-eks martu waħdu jgħid li ma' jiftakarx. Iżid li jista' jkun li kienu rċevew xi karta u hi kienet xogħol b'dan li mar biha hu. Jgħid li ma' jiftakarx x'ġie diskuss jekk sar hekk. Dwar il-laqgħa ta' Malta jirrepeti li jaħseb li dik kienet sabiex jintlaħaq xi tip ta' arranġament dwar pagamenti.

Mistoqsi Sonia x'ridet mil-laqgħat miżmuma Malta mal-bank jgħid li mhux ċert. Iżid li jaf li kien hemm talba mil-bank biex jaraw kif ser jaslu li jitħallsu lura.

**In kontro-eżami**,[41] mistoqsi jaqbilx li l-proprjeta' li biha għamlet tajjeb l-eks martu għal ħuha kienet wirt tagħha mingħand missierha jgħid li ma' jaħsibx għax jaħseb li kienet id-dar fejn toqod ommhom.

---

[40] Traskrizzjoni a fol 107 sa 111.
[41] Traskrizzjoni a fol 111 sa 114.

Mistoqsi jaqbilx li huwa mhuwiex propjetarju ta' l-istess dar jgħid li jaħseb li kellu n-nofs tagħha.

Mistoqsi jekk huwa xtarax din il-proprjeta' jgħid li le. Jgħid li huwa mhux propjetarju ta' din il-proprjeta' u m'għandux x'jaqsam.

Mistoqsi jekk jafx lill Anthony Bezzina, diriġent tal-bank attur, jgħid li ġieli kellmu. Iżid li Anthony ġieli bagħat għalihom biex jitkellmu mal-konvenut Ian sabiex forsi jagħmel xi ripagamenti kontra s-self. Iżid li kienu jirċievu xi karta mill-bank dwar flus dovuti u kienu jkellmu lid-diriġent Anthony Bezzina sabiex jaraw x'kien qiegħed jiġri.

Mistoqsi jekk b'riżultat tal-karti li kienu jirċievu kienux imorru għal xi laqgħat il-bank jgħid li jekk kienet tmur kienet tmur Sonia. Jgħid ġieli gara li Sonia kienet xogħol u mar hu sabiex jara x'qed jiġri.

Mistoqsi fuq xiex kienet tinsisti Sonia f'dawn il-laqgħat jgħid li jaħseb aktar kienet tinsisti sabiex il-bank jara x'ser jagħmel biex Ian jibda jħallas għax hi ma' riditx tibqa marbuta. Iżid li ma' jiftakarx fiċ-ċert għax fil-laqgħat kien jingħad ħafna u issa għadda z-żmien.

**Sonia Borg Attard, gja Busuttil**, konvenuta, xehdet permezz ta' affidavit.[42]

Tiddikjara li ħuha Ian u martu Jennifer ġew mill-Amerika u riedu jibdew negozju. Tgħid li għalhekk kienu jeħtiegu l-flus li ssellfu mingħand il-bank attur.

Tgħid li ħuha kien talab lilha u lill-ommha jagħmlulu tajjeb għas-self bid-dar fejn tgħix ommha li hi għandha sehem minnha daqsu.

Tgħid li din id-dar kienet ta' ommha u missierha u wara mewt missierha wirtuha hi u ħuha. Tgħid li ommha għandha nofs indiviz mentri hi u ħuha għandhom kwart kull wieħed.

Tgħid li hi marret il-bank u ffirmat. Tgħid li l-bank lilha qatt ma' qalilha bil-konsegwenzi ta' jekk ħuha ma' jħallasx id-dejn. Tgħid li hi

[42] Affidavit a fol 118 u 119.

sempliċiment ingħatat data u ħin, marret, kien hemm nutar, u wara ħin bin-nutar jaqra kulħadd iffirma.

Tinsisti li ħadd ma' spjegala l-konsegwenzi ta' inadempjenza ta' ħuha.

Tiddikjara li wara żmien bdiet tirċievi r-rendikonti mil-bank għax ħuha ma' kienx qiegħed iħallas fix-xahar. Tgħid li beda wkoll jibgħat għalija Bezzina, id-diriġent tal-bank. Tgħid li hawn marret ħadet parir legali mal-eks raġel tagħha Joseph Busuttil.

Tiddikjara li z-żmien baqa' għaddej u ħuha xorta baqa' ma' jħallasx. Tgħid li l-bank kienu jibgħatu għal ħuha li la kien jirrispondi telefon u anqas jattendi laqgħat. Tgħid li l-bank baqa' jinsisti magħha forsi tkun hi li ċċaqlaq lill ħuha jagħmel xi pagamenti.

Tiddikjara li hawn hi bdiet tinsisti mal-bank sabiex jagħmlu xi ħaġa u ma' jħallux id-dejn jikber. Tgħid li dan kien fuq parir tal-avukat tagħha li qalilha li aktar ma' jgħaddi z-żmien aktar jikber l-imgħax bis-somma li kienet responsabbli għalija hi kienet qed tikber.

Tgħid li z-żmien baqa' għaddej u hi ġieli marret minn jeddha l-bank tara jekk humiex isiru xi ħlasijiet. Tgħid li l-bank kienu jgħidilha li ħlasijiet ma' kienux isiru u li lill-ħuha ma' setgħux jikkuntattjawh.

Tgħid li hi baqgħet tirċievi sabiex tħallas elef kbar f'dejn ta' ħuha.

Tgħid li attendiet laqgħa l-uffiċini tal-bank Malta fejn marret ma' l-eks żewġha. Iżid li hawn qalet lill-bank li ma' kienx sew li kienu qed iħallu d-dejn jikber billi ma' jipproċedux għax kienet hi li kienet mgħobbija bid-dejn ta' ħaddieħor.

Tgħid li l-bank kienu qalulha li qed jistennew lill ħuha jbiegħ dar tiegħu u ta' martu qabel jipproċedu. Tgħid li hawn hi wieġbet li dak kien affarihom iżda insistiet li ma' kienx sew li jħallu d-dejn jikber u jekk kellhom jgħalqu l-kwistjoni immedjatament probabbli d-dar ta' ħuha tkun biżżejjed sabiex jiġbru d-dejn tagħhom.

Tgħid li żmien wara kellha t-tieni laqgħa għand il-bank, Malta, fejn mar magħha l-avukat tagħha u wkoll l-eks żewġha. Tgħid li dakinhar l-avukat tagħha nsista sabiex il-bank jipproċedi kontra ħuha. Iżid li

minkejja dan il-bank ma' tagħhom kelma dwar meta kien ser jipproċedi. Tgħid li minflok il-bank qal li riedu jistennew sabiex jaraw jekk ħuha jirnexxilux ibiegħ id-dar tiegħu hu stess u mir-rikavat jithallas id-dejn tal-bank *HSBC* b'dan li wara jaraw x'fadal u jipproċedu fuq id-dar tal-ġenituri tagħha.

Tgħid li lill ħuha l-bank tah ħafna ċans iżda kollox safa inutili.

Tinsisti li lilha l-bank qatt ma' qalilha bil-konsegwenzi f'każ ta' inadempiment ta' ħuha.

Tgħid li ħuha llum jgħix fid-dar maqbuda mil-bank flimkien ma' ommhom peress li għaddej minn separazzjoni. Tgħid li hi tixtieq li d-dar tal-ġenituri tagħha tinbiegħ bil-pussess vakanti sabiex iġġib prezz tajjeb.

**In kontro-eżami**,[43] xehdet li taqbel li hi taf taqra u tikteb.

Mistoqsija kif fl-affidavit tagħha qalet li ma' kienitx taf x'kienu l-konsegwenzi għalija meta ffirmat il-kuntratti tal-*overdraft* b'dan li fl-affidavit stess spjegat fi kliemha dwar ishma fil-proprjeta' ta' ommha kif ukoll dwar li hija kellha tagħmel tajjeb għas-self ta' ħuha, tgħid li meta marret tiffirma l-bank ma qalilha xejn bil-konsegwenzi għalija.

Tgħid li minkejja dan hija fehmet li kellha tagħmel tajjeb għal ħuha. Iżid li hija fehmet x'kien qed jitlob ħuha u ffirmatilhom sabiex tgħinhom.

Mistoqsija kienitx ħadet parir qabel marret il-bank tiffirma għal ħuha tgħid li le.

Tgħid li l-bank kien jibgħat għaliha sabiex tattendi laqgħat stante li l-imgħax kien qiegħed jizdied.

Mistoqsija jekk hi gritx wara ħuha sabiex iħallas id-dejn tgħid li minn kollox għamlet.

Taqbel li l-bank stess qalilha li jekk ħuha jibqa' ma' jħallasx id-dejn il-bank kien jipproċedi kontra d-dar li għandha in komproprjeta' ma' ħuha u li fiha tgħix ommhom. Iżid iżda li l-bank dam sabiex qalilha dan.

---

[43] Traskrizzjoni a fol 183 sa 188.

Taqbel li ommha għadha tgħix fid-dar in kwistjoni.

Mistoqsija jekk hijiex konxja li t-tir tal-bank attur kien li jistenna lill ħuha jbiegħ id-dar tal-Qala li kienet ipotekata favur il-bank *HSBC* sabiex jekk ikun hemm bilanċ wara li jithallas l-*HSBC* l-istess bilanċ jiġbru hu, tikkonferma u żżid tgħid li l-bank tah ħafna ċansijiet lill ħuha.

Tinsisti li fil-frattemp hi għamlet minn kollox sabiex ħuha jħallas.

Tikkonferma dak li xehdet fl-affidavit tagħha li hija tixtieq li d-dar fejn tgħix ommha tinbiegħ bil-pussess vakanti sabiex tiġbor l-aħjar prezz.

Taqbel li l-isforz li kien qiegħed jagħmel il-bank attur f'li jistenna l-bejgħ tal-proprjeta' ta' ħuha kien fl-aħjar interess tagħha, ta' ħuha, u ta' ommhom.

Murija l-ittra uffiċjali mibgħuta minnha fit-2 ta' Frar, 2018,[44] tikkonferma li dik bagħtitha hi sabiex il-bank jieħu passi kontra ħuha Ian.

Tikkonferma li wara l-istess ittra uffiċjali kienet saret laqgħa mal-bank attur għal liema attendew hi, l-avukat tagħha, ħuha Ian, u mart Ian Jennifer. Tgħid li l-laqgħa kienet inżammet f'Marzu tal-2018. Tikkonferma li f'dak l-istadju kien ġie maqbul li kien fl-aħjar interess ta' kulħadd li l-bank attur jistenna milli jipproċedi sabiex jara jekk Ian jirnexxilux ibiegħ hu d-dar li kellu ma' martu fil-Qala. Tgħid li hija qablet dwar dan fuq parir tal-avukat tagħha.

Taqbel li kien sar ukoll diskors dwar l-iffirmar ta' ftehim ta' kostituzzjoni ta' debitu. Taqbel li dan huwa kuntratt li bih ħuha u martu kienu jirrikonoxxu d-dejn.

Taqbel ukoll li wara li ntbagħtu abbozz tal-kostituzzjoni ta' debitu hija bidlet fhemtha dwaru b'dan li ma' riditx aktar tiffirmah.

Mistoqsija jekk ġaladarba kienet garanti għal ħuha hija kkunsidratx li tieħu passi hi sabiex jithallas id-dejn u jieqfu l-imgħaxijiet tgħid li le.

[44] Kopja ezebita a fol 71 u 72 u ghal darb'ohra a fol 181 u 182.

**In re-eżami**,[45] tgħid li hija ma' qabditx u ħallset id-dejn hi għaliex ma' riditx tidħol f'dak il-piż. Mistoqsija għandix mnejn tħallas id-dejn tgħid li le u li għandu jħallsu Ian għax hu ddejjen.

**Ian Borg Attard**, konvenut, xehed permezz ta' affidavit.[46]

Jiddikjara li hu u martu kienu talbu *overdraft* mingħand il-bank attur għan-negozju ta' kurrier li kien jiġġestixxi. Iżid li l-*overdraft* ingħata u huwa kien jutilizzah għan-negozju.

Jgħid li f'xi żmien in-negozju ma' kienx sejjer tajjeb u kellu jwaqqfu. Iżid li fil-frattemp martu bdiet tbagħti minn problemi ta' saħħa mentali li wasslu sabiex hu ma' setgħax jaħdem sew għax kellu jkun mat-tfal.

Jiddikjara li l-bank beda jżid l-imgħax, *charges* u spejjez bl-addoċċ u l-ammont oriġinali sploda fi żmien qasir. Jgħid li l-imgħax miżjud jeċċedi dak massimu mpost mil-liġi u hemm ukoll imgħax kompost u spejjez amministrattivi u kummissjonijiet miżjuda mal-obbligazzjoni prinċipali.

Jiddikjara li huwa jikkontesta l-imgħax, spejjez u *charges* li wasslu sabiex tellgħu s-somma dovuta b'mod astronomiku.

**In kontro-eżami**,[47] xehed li jaqbel li l-pagament rigward il-ħlas lura tal-facilita' tal-*overdraft* kienu waqfu għal xi żmien.

Mistoqsi jaqbilx li l-bank kien jibgħat għalih dwar il-pendenzi b'dan li hu ma' kienx jirrispondi jgħid li ma' kienx f'pożizzjoni ta' saħħa tajba.

Fuq mistoqsija tal-Qorti jgħid li jaqbel li l-bank kienu jipprovaw jikkuntattjawħ u hu ma' kienx jirrispondihom.

Jaqbel li l-bank kien jibgħat għalih ta' spiss.

Mistoqsi kienx kellem lill-bank dwar l-ilmenti li ressaq fl-affidavit dwar imgħax, spejjez u *charges* jgħid li iva. Mistoqsi lill minn kien kellem jgħid

[45] Traskrizzjoni a fol 188.
[46] Affidavit a fol 127.
[47] Traskrizzjoni a fol 142 sa 151.

li mhux ċert kienx Bezzina. Mistoqsi qattx kiteb ittra sabiex jirreġistra l-ilment tiegħu formalment jgħid li ma' jaħsibx.

Mistoqsi qattx għamel proposti lill-bank sabiex juri l-intenzjoni tiegħu li jħallas dak dovut jgħid li iva. Iżid li kien staqsa jekk idawrux l-*overdraft* f'*loan* sabiex jieqfu c-*charges* u dan wara li ħa parir mingħand *accountant* li qallu li c-*charges* u l-imgħaxijiet kienu għoljin wisq.

Mistoqsi kienx bagħat din il-proposta lill-bank bil-miktub jgħid li jaħseb li qalilhom bil-fomm.

Mistoqsi qattx tkellem ma' ommu u oħtu sabiex ibiegħu l-proprjeta' ipotekata u mir-rikavat iħallsu lill-bank jgħid li kellhom pjan ibiegħu proprjeta' oħra. Jgħid li d-dar ipotekata ma' setgħux ibieghuha għax inkella ommu ma' jkollix fejn toqod.

Jaqbel li d-dar fejn toqod ommu hija ipotekata favur il-bank sabiex tagħmel tajjeb għal-ħlas lura tal-*overdraft*.

Mistoqsi kif iffirma il-kuntratti tal-*overdraft* li jorbtu tali proprjeta' li issa jgħid li ma' tistax tinbiegħ minħabba li fiha tgħix ommu jgħid li ħadd ma' jiffirma kuntratt bħal dak bil-konoxxjenza li n-negozju mhux ser imur tajjeb. Iżid li l-facilita' ħada sabiex imexxi n-negozju 'l quddiem mhux biex jasal għall-bejgħ tad-dar ta' ommu.

Mistoqsi jafx jaqra u jikteb jgħid li iva. Iżid li dan ma' jfissirx li jifhem il-lingwaġġ ta' kuntratt bħal ma' iffirma.

Mistoqsi mil-Qorti jaqbel li hu kien jaf x'kien jagħmel u fehem xi jfisser li tipoteka dar u x'inhuma l-konsegwenzi tal-istess.

Mistoqsi jaqbilx li l-bank attur wera' koperazzjoni anke f'li jistenna sabiex jaraw x'kien ser jagħmel il-bank *HSBC* dwar id-dar l-oħra tiegħu – tax-xhud – jgħid li koperazzjoni sa ċertu punt għaliex huwa ddiskuta l-possibilita' li l-*overdraft* tinqaleb għal-*loan* sabiex ma' jibqawx jgħolew ic-*charges* iżda din il-proposta ma' ġietx aċċettata mil-bank.

Jaqbel li hu kien ilhu minn ta' l-inqas erba' snin ma' jagħmel pagament favur l-*overdraft*. Iżid li kien hemm perijodu fejn ma' kienx f'kundizzjoni ta' saħħa tajba.

Jaqbel li minkejja li ma' kienx qiegħed jagħmel pagamenti l-bank stenna qabel ipproċeda kontrih.

Jaqbel li huwa kellu self – *loan* – mal-bank *HSBC*. Jgħid li bħala garanzija l-*HSBC* kellu d-dar fl-indirizz 18, Triq il-Mitħna, il-Qala, Għawdex.

Jaqbel li tali dar fil-Qala ma' kienitx ipotekata favur il-bank attur. Iżid li l-bank attur bħala garanzija kellu d-dar tan-Nadur li huwa propjetarju fiha flimkien ma' ommu u oħtu.

Jaqbel li il-bank attur kien qiegħed jistenna lill bank *HSBC* jipproċedi b'subbasta kontra d-dar tal-Qala, sakemm hu – ix-xhud – ma' kienx jirnexxilu jbiegħ tali dar qabel – kif tah l-opportunita' jagħmel il-bank *HSBC* – bit-tama li l-istess tinbiegħ bi prezz tajjeb sabiex jithallas kemm id-dejn tal-*HSBC* kif ukoll dak tal-bank attur.

**In re-eżami**,[48] xehed li l-*overdraft* mal-bank attur ħadu sabiex jiġġestixxi n-negozju ta' kurrier li kellu.

Mistoqsi kemm kien l-ammont li setgħa jilħaq bl-*overdraft* jgħid li jaħseb li kien ta' €25,000. Jikkoreġi ruħu li l-valur ndikat huwa f'Liri Maltin mhux Euro. Jgħid li llum l-bank attur qiegħed jippretendi 'il fuq minn €100,000.

Jgħid li oltre għaż-żewġ kuntratti, wieħed ta' Lm16,000 u ieħor li għolla l-istess limitu b'Lm9,000 huwa ma' iffirma xejn.

Jgħid li l-post tal-Qala kien tiegħu u ta' martu u fuqu kellhom *loan* mal-bank *HSBC*.  Iżid li fil-frattemp huwa beda proċeduri ta' separazzjoni minn ma' martu. Jgħid li tul is-separazzjoni d-dar tal-Qala nbiegħet bir-rikavat ħadu kollu l-*HSBC*. Jgħid li l-*HSBC* l-istess, *charges* esaġerati.

Jgħid li jidhirlu li l-bank attur ħa xi €3,000 mil-bejgħ tad-dar tal-Qala. Iżid li l-bank attur ha' tali valur minkejja li ma' kellux ipoteka speċjali fuq id-dar tal-Qala għax għamel xi ħaga li mingħajr firma tiegħu d-dar ma' setgħetx tinbiegħ.

[48] Traskrizzjoni a fol 151 sa 164.

Jgħid li d-dar tal-Qala biegħuha huma mhux inbiegħet bis-subbasta u dan għal xi €180,000.

Jgħid li d-dar li hija ipotekata favur il-bank attur hija tiegħu u ta' oħtu mentri ommhom għandha l-użufrutt. Iżid li f'din id-dar tgħix biss ommu.

Jgħid li meta ħa l-*overdraft* il-kuntratt iffirmawh hu, l-eks mara tiegħu, oħtu, u ommu.

Mistoqsi dwar l-erba' snin fejn m'għamilx pagamenti favur l-*overdraft* jgħid li dawk l-erba' snin martu marret lura mentalment u hu spiċċa jieħu ħsieb tagħha u tat-tlett uliedu.

Mistoqsi jekk fis-snin li dam ma' jħallasx marx għand il-bank attur b'xi proposti jgħid li iva. Jgħid li propona dak li qal qabel; sabiex jaqilbu il-facilita' ta' *overdraft* f'wahda ta' *loan* sabiex jonqsu c-*charges* u l-imgħax. Jgħid li l-bank attur din ma' aċċettahiex.

Jgħid li meta telgħa Malta l-bank rawh kif kien marid.

**In kontro-eżami ulterjuri**,[49] mistoqsi jiftakarx li saret proposta sabiex isir kostituzzjoni ta' debitu jgħid li ma jiftakarx.

Mistoqsi jekk bħalissa jgħix fid-dar ipotekata lill-bank attur jgħid li le. Iżid li jgħix f'post li jikri.

**Jennifer Borg Attard**, konvenuta, xehdet permezz ta' affidavit.[50]

Tiddikjara li żewġha Ian Borg Attard kellu negozju ta' kurrier għal-liema kien jeħtieġ *overdraft*. Tgħid li ottjenew l-*overdraft* mingħand il-bank attur.

Tiddikjara li n-negozju beda tajjeb iżda ma' damx ma' qabad in-niżla. Iżid li kienet tiġbed l-attenzjoni ta' żewġha sabiex ma' jħallix l-affarijiet jiggravaw iżda hu qatt ma' tagħha widen u n-negozju sfaxxa.

[49] Traskrizzjoni a fol 164 sa 166.
[50] Affidavit a fol 136.

Tgħid li s-sitwazzjoni kompliet taggrava meta hi u żewġha bdew bil-problemi maritali.

Tgħid li f'qasir żmien sabu ruħhom b'imgħaxijiet bankarji dejjem jizdiedu li magħhom bdew jiġu mposti spejjez u *charges*.

Tgħid li dan wassal sabiex l-ammont li kellhom jirrifondu lura lill-bank għola radikalment.

Tiddikjara li hi kemm-il dabra tkellmet mal-bank sabiex jagħtu spjegazzjoni ta' l-awmenti.

Tgħid ukoll li l-imgħaxijiet huma esaġerati u ferm għola milli suppost ikunu. Iżid li l-*fess* u *charges* ukoll mhumiex ġusti.

**In kontro-eżami**,[51] xehdet li llum hija sseparata minn mal-konvenut Ian.

Taqbel li hi u Ian kienu ottjenew mingħand il-bank attur facilita' ta' *overdraft* b'kuntratt liema facilita' ġiet imbagħad estiża għal total ta Lm25,000 b'kuntratt ieħor.[52]

Taqbel li l-pagamenti kontra l-*overdraft* kienu waqqfu għal żmien twil, għal numru ta' snin.

Taqbel li l-bank attur ukoll ħa żmien sabiex ipproċeda kontrihom.

Mistoqsija jekk tali stennija tal-bank attur kienitx dovuta għal-fatt li l-istess bank kien qiegħed jistennihom ibiegħu d-dar tagħhom fil-Qala li kienet ipotekata favur il-bank *HSBC*, tgħid li d-dar tal-Qala ma' kellix x'taqsam mal-bank attur. Iżid li l-garanzija tal-bank attur kienet fuq id-dar ta' omm Ian – in-Nadur.

Tgħid li s-self mill-*HSBC* kien proprju sabiex inxtrat id-dar tal-Qala. Iżid li tali dejn kien għadu ma' tħallasx. Tgħid li r-rikavat mill-bejgħ tad-dar tal-Qala mar kollu favur l-*HSBC*. Iżid li għalhekk ma' kien fadal xejn sabiex iħallsu lill-bank attur.

[51] Traskrizzjoni a fol 166a sa 166e. Traskrizzjoni re-inserita fl-atti a fol 168 sa 168d.
[52] *Minn hawn 'il quddiem ix-xhieda kompliet bl-Ingliz – traduzzjoni tal-partijiet saljenti tal-istess, in succinct, maghmulha minn din il-Qorti* – ref.: fol 166b.

Taqbel li l-bank attur żamm lura milli jipproċedi gudizzjarjament kontrihom sabiex jagħtihom ċans ibiegħu d-dar tal-Qala direttament huma bit-tama li jkun hemm biżżejjed fondi sabiex jithallas hu wkoll.

Tgħid li d-diriġent tal-bank kien iċemplilha kull ġimgħa. Tgħid li kien jgħidilha li Ian wiegħdhom li ser jibda jħallas €500 fix-xahar. Taqbel għalhekk li l-bank tagħhom ċans.

Tgħid li mill-bank attur kienu jgħiduli wkoll li kull meta jċemplu lill eks tagħha Ian, ma' jirrispondihomx.

Mistoqsija dwar li qalet fl-affidavit tagħha dwar li l-imgħax kien wisq għoli, tikkonferma li skonta l-imgħax kien wisq għoli.

Mistoqsija jekk qattx kitbet lill-bank dwar dan l-ilment tagħha dwar l-imgħax tgħid li taf li darba marret hemm u d-debitu kien ta' xi €150,000 jew €175,000.

Tgħid li messhom kitbu lill-bank.

Mistoqsija jekk hija qattx ittentat issib mod sabiex tħallas id-dejn lura tgħid li meta kien għadha ma' Ian kienet tgħidlu li messhom ibiegħu d-dar u jikru appartament sabiex iħallsu d-dejn. Tgħid li Ian ma' kienx jaqbel magħha. Iżid li pruvat tirranġa miegħu iżda u kien impassiv.

## C. Ikkunsidrat:

### Preliminari:

B'din il-kawża, il-bank attur, *Lombard Bank Malta p.l.c.*, wara li ppremetta [**i**] li permezz ta' żewġ kuntratti t-tnejn in atti tan-Nutar Michael Refalo, wieħed tal-24 ta' Awwissu, 2004 u ieħor tad-9 ta' Ġunju, 2006, rispettivament; l-ewwel ikkonċeda facilita' ta' *overdraft* ta' Lm16,000 lill-konvenuti Ian u Jennifer gja konjuġi Borg Attard imbagħad estenda l-istess għal-valur ta' Lm25,000 komplessivament; [**ii**] li għat-tali facilita' fuq l-imsemmija kuntratti dehru bħala garanti omm u oħt il-konvenut Ian Borg Attard ossia – rispettivament – Rose armla ta' Joseph Borg u Sonia gja mart Joseph Busuttil; [**iii**] li in forza tat-tali kuntratti d-debituri

prinċipali – Ian u Jennifer Borg Attard – għaddew sabiex tellgħu debitu ta' €128,834.33 liema debitu jinkorpora fih flus minnhom utilizzati permezz tal-facilita' bankarja kif ukoll interessi u spejjez varji, u; [**iv**] li msejjħa sabiex jagħmlu l-ħlas relattiv inkluż permezz ta' ittra uffiċjali tal-11 ta' Ottubru, 2018 il-partijiet konvenuti naqqsu milli jagħmlu dan: talab sabiex din il-Qorti tikkundanna lill-konvenuti kollha *in solidum* iħallsuh is-somma ta' €128,834.33 oltre imgħaxijiet ulterjuri kalkolati mit-12 ta' Diċembru, 2018 sad-data tal-pagament effettiv.

Il-konvenuti b'risposta waħda konġunta laqgħu għal dan billi eccepew, in succint; [**i**] li qabel kollox irid jiġi pruvat li l-konvenuti ġew suppliti bis-somom pretizi, x'kienet ir-rata ta' imgħax applikata fuq l-istess f'diversi perijodi tar-relazzjoni tagħhom mal-bank attur, u x'servizzi ġew rezi mil-bank attur f'każ li s-somma pretiza tinkludi fiha xi spejjez; [**ii**] li tali facilita' kif avvanzata lill-konvenuti, konswetudinarjament ma' tiġix irtirata għajr f'każ ta' nuqqas ta' likwidita' tal-klijent bankarju jew il-garanti tiegħu u bi pre-avviż ragjonevoli sabiex ma' jinħolqux diffikultajiet ta' *cash flow*; [**iii**] li ai termini tal-Artikoli 986(2), 1139, 1142, u 1850 sa 1853 tal-Kap. 16, Ligijiet ta' Malta, it-talbiet tal-bank attur jinkludu imgħax in eċċess mil-limitu massimu mpost mil-liġi kif ukoll imgħax kompost u spejjez mhux dovuti jew miżjuda b'qerq li għandhom għalhekk jinqatgħu; [**iv**] li l-imgħax mitlub mil-bank attur imur kontra l-kunċett tal-*ultra duplum* u għandu għalhekk jiġi dimenzjonat sabiex ma' jaqbiżx l-ammont misluf, u; [**v**] li ai termini tal-Artikolu 1142 tal-Kap. 16, Ligijiet ta' Malta, imgħax ulterjuri jista' jintalab biss mid-data tat-talba ġudizzjarja.

Fl-istess risposta konġunta l-konvenuta Sonia Borg Attard *qua* garanti waħidha eccepit [**i**] li dakinhar tal-iffirmara tal-kuntratti tal-24 ta' Awwissu, 2004 u tad-9 ta' Ġunju, 2006 hija kienet miżżewġa lill Joseph Busuttil b'dan li bħala tali, ai termini tal-Artikolu 1322(2) u (3)(h) tal-Kap. 16 ma' setgħetx tidhol bħala garanti mingħajr l-intervent ta' żewġha. Konsegwentement, l-għoti tal-garanzija da parti tagħha hija radikalment nulla, u; [**ii**] li hija nsistit diversi drabi sabiex il-bank attur jieħu passi kontra d-debituri prinċipali għal-ħlas tal-ammonti dovuti sabiex b'hekk jiġi evitat li jkompli jiżdied il-preġudizzju a skapitu tagħha. Iżid li hija ma' kellha ebda mezz li taġixxi direttament kontra d-debituri prinċipali b'dan li n-nuqqas tal-bank attur għandu jbatih l-istess bank attur u mhux hija.

Ukoll fl-istess risposta konġunta, il-konvenuti Sonia Borg Attard u Rose Borg, *qua* garanti ad esklużjoni tal-konvenuti l-oħra debituri prinċipali eccepew li [**i**] il-bank attur naqas milli jippreżenta rendikont dettaljat sabiex huma jkunu f'pożizzjoni jifhmu kif l-ammont li għal-ħlas tiegħu qed jinżammu responsabbli telgħa għal €128,834.33 b'dan li l-istess bank attur naqas milli jikkonferma mad-dicitura tal-Artikolu 152(2) tal-Kap.12. Eccepew għalhekk in-nullita' tal-kawża u talbu l-liberazzjoni tagħhom mill-osservanza tal-ġudizzju; [**ii**] li l-kuntratt tal-għoti tal-facilita' bankarja kien jillimita' l-ammont li minnu setgħu jibbenefikaw id-debituri prinċipali għal Lm25,000 ekwivalenti għal €58,234.33 b'dan li mill-ammont hawn mitlub mill-bank attur jidher li għal xi raġuni magħrufa biss lilu, il-bank attur ippermetta lid-debituri prinċipali jgawdu minn valur ferm akbar b'dan li huma ma' jistgħux jiġu ppreġudikati billi jiġu mġiegħla jagħmlu tajjeb għal-ammont akbar minn dak li huma jistgħu jitqiesu li għamlu tajjeb għalih; [**iii**] li jekk jirriżulta li l-bank attur ta' kreditu lid-debituri prinċipali f'ammont akbar minn dak pattwit bil-kuntratti relattivi, huma bħala garanti m'għandhom ibatu l-ebda waħda mill-konsegwenzi rizultanti u dan kemm rigward imgħax kif ukoll l-ammont nett u spejjez, u; [**iv**] li finalment il-bank attur naqas ukoll milli jaġixxi b'mod tempestiv sabiex ma' jippermettix id-debitu jikber u dan partikolarment meta l-ammont dovut paragunat mal-valur tal-assi immobiljari tad-debituri prinċipali kien pjuttost moderat b'dan li issa l-bank m'għandux ikun permess jithallas minn fuq beni u assi tal-garanti.

**Ikkunsidrat Ulterjorment:**

Huwa opportun li qabel xejn jiġu kkunsidrati l-eċċezzjonijiet tal-partijiet konvenuti li dehru bħala garanti fil-kuntratti tal-24 ta' Awwissu, 2004 u d-9 ta' Ġunju, 2006, it-tnejn in atti Nutar Michael Refalo, li minnhom bdiet ir-relazzjoni bankarja bejn il-bank attur u kemm l-konvenuti Rose Borg u Sonia Borg Attard gja Busuttil *qua* garanti kif ukoll il-konvenuti Ian u Jennifer gja konjuġi Borg Attard *qua* debituri prinċipali.

Kopji legali ta' dawn iż-żewġ kuntratti jinsabu lkoll fl-atti tal-kawża odjerna u minnhom, b'referenza għal-garanti, jirriżultaw, *inter alia*, is-

segwenti klawsoli hawn meħuda mill-kuntratt tal-24 ta' Awwissu, 2004:[53]

*Before me Doctor of Laws Michael Refalo a Notary Public duly admitted and sworn have personally come and appeared after due identification according to law:*

[...]

*Sonja wife of Joseph Busuttil daughter of Joseph Borg, deceased and of Rose nee' Gauci born in and residing in Victoria, Gozo: Identity card number 17370G and Rose widow of Joseph Borg daughter of Emanuel Gauci and of Francesca nee' Camilleri both deceased, born in and residing in Nadur, Gozo: Identity card number 7745G – hereinafter* ***jointly and in solidum between them*** *referred to as "The Sureties".*

[...]

*And whereas* ***the Sureties in order to better guarantee the obligations undertaken by the Customers on this deed have offerred to stand surety jointly and in solidum with each other and with the Customers*** *in favour of the Bank which accepts, granting to the Bank a special hypothec over the property mentioned below;*

[...]

***In warranty of the proper observance of the conditions of this deed in particular of the repayment of all sums of money which now are or which hereinafter may from time to time become due to the Bank by way of principal and interests as well as charges and disbursements made by the Bank****, the Customers hereby grant of the Bank which accepts, a General Hypothec over all heir property in general present and future over and above a Special Hypothec on the one undivided half of the house in Nadur, Gozo, Saint Andrew Strett, number fifteen (15).*

***The Sureties in order to better guarantee the obligations undertaken by the Customers on this deed do hereby stand surety jointly and in solidum with each other and with the Customers*** *and hereby grant to*

[53] Kopja a fol 4 *et seq.*

*the Bank which accepts a Special Hypothec over the remaining undivided half of the property mentioned above.*

*For purposes of clarification it is hereby being declared that the aforesaid property had been acquired by Joseph Borg, father of Customer Ian Borg Attard and of surety Sonja Busuttil by deed in the records of Notary Giuseppe Cauchi of the fifth (5th) day of October 1968 and this prior to his marriage with appearer Rose Borg. The said Joseph Borg died on the eleventh (11th) day of February 2002 and in virtue of his will in the records of Notary Doctor Paul George Pisani of the seventh (7th) January, 1999 as amended by another will in the records of the same Notary dated twenty seventh (27th) May, 1999 he bequethed the use and usufruct of his property to his wife Rose and* ***appointed as his sole heirs his two children****.*

*It is agreed that* ***the Bank shall be entitled in its absolute discretion to call upon the Customers and/or the Sureties at any time to settle the Customers' indebtedness forthwith*** *– a simple request in writing to be deemed good and sufficient for this purpose.*

[enfazi ta' din il-Qorti]

Il-kuntratt tad-9 ta' Ġunju, 2006[54] jirrepeti dawn l-istess klawsoli succitati kważi *verbatim* bid-differenzi żgħar huma biss kożmetiċi.

L-ewwel eċċezzjoni magħmulha mill-konvenuti garanti ad esklużjoni tal-konvenuti debituri prinċipali hija dik mressqa biss mill-konvenuta Sonia Borg Attard gja Busuttil bħala l-eċċezzjoni numru sitta (6) fejn l-imsemmija konvenuta teccepixxa li dakinhar tal-iffirmar taż-żewġ kuntratti hawn iccitati hija kienet miżżewġa lill Joseph Busuttil, kif addirittura jirriżulta *ictu oculi* mil-klawsoli tal-kuntratti nfishom, b'dan li skonta ai termini tal-Artikolu 1322(2) u (3)(h) tal-Kap.16, Ligijiet ta' Malta, hija ma' setgħetx validament tidhol bħala garanti mingħajr l-intervent ta' żewġha.

Is-subartikoli u paragrafi tal-Artikolu 1322 tal-Kap. 16 iccitati minn din il-konvenuta *qua* garanti jaqraw kif isegwi:

**1322.** […]

[54] Kopja a fol 8 *et seq.*

*(2)* ***Il-jedd li jitwettqu l-atti ta' amministrazzjoni straordinarja****, u l-jedd li wieħed iħarrek jew jiġi mħarrek dwar dawk l-atti jew li ssir xi transazzjoni dwar xi atti jkunu li jkunu,* ***imissu liż-żewġ miżżewġin flimkien****.*

*(3) Dawn li ġejjin huma l-atti ta' amministrazzjoni straordinarja:*
[…]
*(h)* ***il-kuntratt għal xi garanzija*** […]

[enfazi ta' din il-Qorti]

Dawn il-proviżjonijiet jaqaw iżda fil-porzjon tal-Kodiċi Ċivili li titratta l-komunjoni tal-akkwisti b'dan li huwa ċar li l-intenzjoni tal-leġislatur fejn hawn jitkellem dwar kuntratt ta' garanzija bħala att ta' amministrazzjoni straordinarja kienet b'referenza għal-kuntratt ta' garanzija li jolqot il-beni tal-komunjoni mhux ukoll dawk parafernali.

Huwa għalhekk li tali proviżjonijiet tal-Artikolu 1322 għandhom jinqraw flimkien ma' dawk tal-Artikolu 1334 tal-istess Kap. 16 li jipprovdi kif isegwi:

**1334.** *(1) Meta l-komunjoni tal-akkwisti jew il-komunjoni tar-residwu taħt amministrazzjoni separata jkunu jeżistu bejn il-miżżewġin, il-beni kollha li ma jaqgħux taħt l-artikolu 1320(a) sa (f) jew ma jkunux dotali huma parafernali. Meta l-beni tal-miżżewġin ikunu miżmuma bis-sistema ta' beni separati, il-beni kollha li m'humiex dotali huma parafernali.*

*(2)* ***L-amministrazzjoni tal-beni parafernali tkun b'mod esklużiv f'idejn dik il-parti fiż-żwieġ li tagħha jkunu l-beni****.*

[enfazi ta' din il-Qorti]

Mill-provenjenza tal-proprjeta' li fuqha din il-konvenuta *qua* garanti tat ipoteka speċjali lill-bank attur – liema provenjenza ġiet imnissla fil-kuntratti tal-facilita' bankarja ta' *overdraft* infishom, kif fuq iċċitati, u ma' ġiet bl-ebda mod kontradetta – jirriżulta ampjament li tali proprjeta' tnisslet in parte favur id-debitur prinċipali Ian Borg Attard u in parte favur il-garanti oħtu Sonia Borg Attard gja Busuttil – infatti nofs bin-nofs bejniethom minkejja dak li xehdet quddiem din il-Qorti l-konvenuta Sonia Borg Attard dwar sehemijiet diversi – minn missier l-istess debitur

prinċipali u garanti in forza ta' żewġ testmenti iccitati fl-istess kuntratti hawn aktar 'il fuq iccitati.

Huwa għalhekk ċar li tali proprjeta' – ossia dik numru 15 sitwata fi Triq Sant' Andrija, in-Nadur, Għawdex – hija proprjeta' parafernali appartenenti liż-żewġ t'aħwa konvenuti Ian Borg Attard *qua* debitur prinċipali u Sonia Borg Attard gja Busuttil *qua* garanti solidali f'ishma indaqs bejniethom u bħala tali, dawn l-istess partijiet setgħu jamministraw l-istess kif riedu u kif fil-fatt għażlet li tgħamel il-konvenuta Sonia Borg Attard.

Dan tant li l-dakinhar raġel ta' Sonia Borg Attard, Joseph Busuttil, li quddiem din il-Qorti xehed li minn dak iż-żmien hu u Sonia ma' baqgħux aktar flimkien, m'għamel ebda pretensjoni fuq tali proprjeta' anzi ddikjara bla tlaqliq li m'għandu xejn x'jaqsam magħha.

B'dan li għalhekk tali eċċezzjoni numru sitta (6) mqajma mill-konvenuta Sonia Borg Attard waħedha ma' tistax għajr li tiġi miċħuda.

Jingħad li anke kieku għal grazzja tal-argument ġie ppruvat li l-ishma miżmuma mill-aħwa Borg Attard f'din il-proprjeta' mogħtija bħala garanzija lill-bank attur kienu diversi minn dawk dikjarati fil-kuntratti tal-facilita' bankarja tal-*overdraft*, dawn l-istess kunsiderazzjonijiet ikunu kull kif japplikaw stante li l-istess ħsieb dwar il-kapacita' tal-garanti li tidher bħala tali jkun japplika minkejja kull sehem tagħha fi proprjeta' parafernali.

Il-konvenuti Sonia Borg Attard u Rose Borg konguntivament qajmu mbagħad eċċezzjoni – dik numru sebgħa (7) – dwar li l-bank attur naqas milli jippreżenta rendikont dettaljat dwar it-talba minnu hawn avvanzata b'dan li huma ma' tpoġġewx fi grad li jifhmu tajjeb kif l-ammont minnu mitlub telgħa għal-daqstant. Hawnhekk talbu għalhekk li ai termini tal-Artikolu 152(2) tal-Kap. 12, Ligijiet ta' Malta, jiġi dikjarat li tali nuqqas iwassal għan-nullita' tal-azzjoni esperita u l-liberazzjoni tagħhom mill-osservanza tal-ġudizzju.

L-Artikolu 152 tal-Kap. 12 jittratta l-lista tal-kważi lesti għas-smiegħ ta' appell li ma' jsib ebda applikazzjoni f'dawn il-proċeduri odjerni.

Il-Qorti hawn tikkunsidra l-possibilita' li l-konvenuti msemmija riedu jiccitaw minflok l-Artikolu 156 u in partikolari is-subartikolu (2) tiegħu. Dan l-artikolu jittratta dak li għandu jkun il-kontenut tar-rikors ġuramentat u jiddisponi kif isegwi:

> **156.***(1) Ir-rikors ġuramentat għandu jitlesta mill-attur u għandu jkun fih –*
> *[…]*
> *(2) Flimkien mar-rikors ġuramentat għandhom jinġiebu d-dokumenti meħtieġa biex isaħħu t-talba.*

Dwar in-nullita' ta' rikors ġuramentat l-istess Artikolu 156 fis-subartikolu sebgħa (7) tiegħu jaqra kif isegwi:

> *(7) Ir-reġistratur ma għandu jirċievi ebda rikors ġuramentat li ma jissodisfax l-elementi tas-subartikolu (1) u l-qorti ma għandha tħalli lil ebda xhud jinġieb sakemm dan ma jkollux ismu mniżżel flimkien mar-rikors.*

Minn dawn il-proviżjonijiet succitati jirriżulta għalhekk ampjament ċar li filwaqt li s-subartikolu tnejn (2) tal-Artikolu 156 jeħtieġ li flimkien mar-rikors ġuramentat għandhom jinġiebu d-dokumenti meħtieġa sabiex isaħħu t-talba, dak sebgħa (7) ma' jirrendiex tali nuqqas bħala wieħed li jġib in-nullita' tal-kawża tant li tul il-ġbir tal-provi kull parti f'kawża titħalla tressaq provi supplimentari favur it-talbiet jew l-eċċezzjonijiet tagħha.

Dan fil-fatt seħħ f'din il-kawża wkoll meta bin-nota tiegħu tar-6 ta' Marzu, 2019,[55] il-bank attur ressaq rendikont ferm aktar dettaljat minn dak li jista' jitqies biss bħala wieħed ta' introduzzjoni għall-kawża li annetta mar-rikors ġuramentat tiegħu.[56]

Oltre dan, minn eżami akkurat tar-risposta ġuramentata tal-konvenuti jirriżulta b'mod mill-aktar ċar li l-istess konvenuti ressqu l-eċċezzjonijiet kollha li riedu jressqu għat-talbiet atturi tant li minkejja li żammew salv id-dritt tagħhom li jressqu eċċezzjonijiet ulterjuri u dan anke *"suġġett għal kjarifiki wara li jkunu inghataw rendikont shih"*,[57] dan in-"nuqqas" li sehhilhom jeccepixxu dwaru fir-rigward tal-bank attur - u li l-bank attur

[55] Nota a fol 36.
[56] A fol 12.
[57] Ref eccezzjoni numru disgha (9).

fil-pront indirizza - ma' wassalx sabiex huma għażlu li jitolbu l-awtorizzazzjoni sabiex iressqu xi eċċezzjonijiet ulterjuri.

Huwa għalhekk li anke din is-sebgħa (7) eċċezzjoni ta' dan iż-żewġ konvenuti sejra tiġi miċħuda.

L-eċċezzjonijiet numri tnejn (2) tmienja (8), għaxra (10), u ħdax (11), tal-konvenuti, uħud mil-liema ġew miġjuba mill-konvenuti lkoll flimkien mentri oħrajn ġew miġjuba jew mill-konvenuta Sonia Borg Attard waħedha jew mill-istess flimkien mal-konvenuta Rose Borg jistgħu jinqraw u jiġu kkunsidrati flimkien u dan għar-raġunijiet li ser isegwu.

Bit-tieni (2) eċċezzjoni tagħhom mressqa mill-konvenuti lkoll konguntivament, l-istess konvenuti jeccepixxu li l-liġi kunswetudinarja f'materja ta' faċilitajiet bankarji hija li facilita' bħal dik ta' *overdraft* m'għandix tiġi rtirata għajr għal raġuni valida u tenut kont tal-likwidita' u tal-garanziji offerti mill-klijent bankarju u l-garanti tiegħu kif ukoll bi pre-avviż ragjonevoli sabiex ma' jinholqux diffikoltajiet ta' likwidita'.

Hawnhekk, f'din it-tieni eċċezzjoni tagħhom, il-konvenuti jkomplu sabiex jeccepixxi li l-bank attur aġixxa għalhekk in vjolazzjoni tal-liġi konswetudinarja billi naqas milli jagħti pre-avviż ragjonevoli.

In kuntrast assolut, fit-tmien (8), l-għaxar (10), u l-ħdax (11)-il eċċezzjoni tagħhom, il-konvenuti Sonia Borg Attard u/jew l-istess flimkien mal-konvenuta Rose Borg konguntivament, skont il-każ, eccepew li l-bank attur ippermetta lill-konvenuti debituri prinċipali li jgawdu minn facilita' bankarja f'ammont li eċċeda dak oriġinarjament konċess – eċċezzjoni numru tmienja (8) – billi naqas milli jaġixxi kontra l-konvenuti debituri prinċipali b'mod tempestiv u ppermetta għalhekk li l-ammont dovut lilu jikber meta setgħa jaġixxi qabel għal ammont li kien ikun komodament kopert bl-assi mmobiljari tad-debituri prinċipali - eċċezzjonijiet numri għaxra (10) u ħdax (11) b'dan li tali nuqqas tiegħu m'għandux jissarraf sabiex jiġu ppreġudikati l-konvenuti garanti billi jiġu mġiegħla jagħmlu tajjeb għal-ammonti akbar minn dak li huma jistgħu jitqiesu li għamlu tajjeb għalih.

Jingħad primarjament li mill-assjem tal-provi prodotti f'din l-istanza jirriżulta li kuntrarjament għal-allegazzjonijiet tal-konvenuta Sonia Borg

Attard li l-estremi tal-kuntratti minnha ffirmati sabiex fuqhom dehret bħala garanti solidali ma' ommha Rose Borg a favur ta' ħuha Ian Borg Attard u l-dakinhar martu Jennifer Borg Attard ma ġewx spjegati lilha; fix-xhieda mogħtija minnha stess f'din l-istanza hija stess tammetti li fehmet li hija kienet qed tidhol tagħmel tajjeb għal ħuha u aċċettat li tgħamel hekk.

Jirriżulta ulterjorment li l-bank attur la qad jittrattjeni u anqas naqas milli jipprovdi kull informazzjoni neċessarja lill kull parti dwar id-debitu li kien aktar ma' jgħaddi aktar qiegħed jikber.

Infatti, minkejja li l-konvenuta Sonia Borg Attard insistiet diversi drabi li għalkemm hija talbet rendikont dan qatt ma' ġie pprovdut lilha, mill-atti jirriżulta mhux biss li nżammu varji laqgħat bejn il-partijiet kontendenti sabiex jiġi diskuss id-debitu u x'għandu jsir dwaru, iżda li l-bank kien ukoll pro-attiv f'li bagħat għal kull parti responsabbli għad-debitu sabiex l-istess tattendi għal-laqgħat varji iżda wkoll sabiex informa lill-istess bl-akkrixxiemnt tad-debitu in mertu.

Il-konvenuta Sonia Borg Attard infatti dehret tittenta tinsisti li qabel ma' hija bagħtet l-ittra uffiċjali tagħha numru 65/2018 tat-2 ta' Frar, 2018,[58] il-bank attur ma' kien ħa ebda passi sabiex iwaqqaf l-emorraġija tad-debitu nkluż l-interessi li kienu qed jakkrexxu.

Dan jirriżulta iżda għal kollox inveritjer meta mill-atti stess jidher li ferm qabel tali ittra uffiċjali tal-imsemmija konvenuta, u fil-31 ta' Jannar, 2012,[59] l-istess bank attur kien diġà bagħat ittra lill-imsemmija konvenuta Sonia Borg Attard *qua* garanti fejn talab mingħandha l-ħlas immedjat tal-valur kollu sa' dakinhar dovut, ossia l-valur ta' €67,445.65. Din l-ittra ġiet irċevuta mill-imsemmija konvenuta tant li l-bank attur ssuplixxa wkoll għal-iskrutinju ta' din il-Qorti l-prova ta' dan f'forma ta' irċevuta provduta mil-posta ta' Malta.[60]

B'mod simili, il-bank attur bagħat ukoll [**i**] ittra legali datata s-6 ta' Ġunju, 2012, din id-darba lill-partijiet hawn ilkoll konvenuti kollha,[61] fejn indika l-valur globali sa dakinhar dovut lilu; [**ii**] notifika dwar laqgħa proposta f'forma ta' ittra datata s-26 ta' Novembru, 2013 mibgħuta lill-partijiet

[58] Kopja tal-ittra ufficjali a fol 71 u 72.
[59] Kopja tal-ittra a fol 88.
[60] Prova ta' ircevuta tal-ittra a fol 89
[61] Ittra legali a fol 90.

konvenuti kollha fejn għal darb'ohra ġie dikjarat li l-ammont tad-debitu kien sa dakinhar telgħa għal €80,984;[62] [**iii**] ittri addizzjonali b'sejħa għal-laqgħat varji,[63] u; [**iv**] ittra oħra bħal dik tal-31 ta' Jannar, 2012, din id-darba datata l-1 ta' Marzu, 2017 fejn il-bank attur għal darb'ohra kiteb direttament lill-konvenuta Sonia Borg Attard *qua* garanti fejn talab mingħandha l-ħlas immedjat tal-valur kollu li sa' dakinhar kien telgħa għal-total ta' €109,084.42.[64]

Huwa għalhekk ċar li l-bank kien diġà qiegħed jiġbed l-attenzjoni ta' kull parti nteressata u jaġixxi sabiex jittenta jiġbor dak dovut lilu u dan, sa minn ferm qabel ntbagħtet l-ittra uffiċjali numru 65/2018 mill-konvenuta Sonia Borg Attard nhar it-2 ta' Frar, 2018. Dan tant li fl-istess ittra uffiċjali l-istess mittenti ddikjarat li *"hija nfurmata li l-konjuġi Borg Attard ilhom żmien konsiderevoli milli jwettqu pagamenti akkont ta' dak dovut minnhom, bil-konsegwenza li l-ammont li għalih qieghda tagħmel tajjeb hija bis-sahha ta' d[i]n il-garanzija qiegħed kull ma jmur jizdied"*.[65]

Hawnhekk stess, il-konvenuta Sonia Borg Attard mhux biss tiddikjara f'att ġudizzjarju li taf bir-responsabbiltajiet tagħha iżda anke li kienet ben konxja li l-valur li għalih kienet esposta kien qiegħed jawmenta.

Tali ittra uffiċjali tal-konvenuta msemmija ġiet imbagħad segwita b'ittri addizzjonali tal-bank attur fejn għal darb'ohra reġgħu ssejħu laqgħat mal-partijiet interessati[66] kif ukoll b'ittra legali tal-bank attur datata s-26 ta' Settembru, 2018 u mibgħuta lill-partijiet konvenuti kollha fejn ġie għal darb'ohra indikat għal kemm kien telgħa l-ammont dovut lill-bank attur – hawnhekk kien fil-fatt telgħa għal €126,725.18.[67]

Rilevanti hawnhekk hija x-xhieda dettaljata mogħtija mid-diriġent tal-bank attur Anthony Mario Bajada li fid-diversi eżamijiet u kontro-eżamijiet li ġie sottopost għalihom konsistentement xehed li wara l-ittra uffiċjali numru 65/2018 tat-2 ta' Frar, 2018 tal-konvenuta Sonia Borg Attard sar l-ewwel inkontro fl-edificciu tad-dipartiment legali tal-bank attur fil-Belt Valletta f'Marzu, 2018 fejn ġie miftiehem li peress li l-bank *HSBC* li wkoll kien kreditur tal-konvenuti Ian u Jennifer Borg Attard iżda

[62] Ittra a fol 91.
[63] Ittri a fol 92 u 93 kif ukoll a fol 97.
[64] Ittra a fol 95 bi prova ta' spedizzjoni a fol 96.
[65] Ref.: bidu tat-tielet paragrafu tal-ittra ufficjali a fol 71.
[66] Ref.: ittri a fol 99 u 101.
[67] Kopja tal-ittra legali a fol 103.

li kellu ipoteka fuq proprjeta' indendenti mill-ftehim milħuq mill-bank attur odjern – proprjeta' fil-Qala, Għawdex – kien qed jagħti ċans lill kopja Borg Attard sabiex sa Ġunju, 2018 jittentaw ibiegħu huma tali proprjeta' tagħhom fil-Qala sabiex mir-rikavat jithallas id-dejn dovut lilu; kien jagħmel sens li l-bank attur jistenna sa' dakinhar sabiex jara kif jipproċedu l-affarijiet u bit-tama li jekk il-kopja Ian u Jennifer Borg Attard jirnexxilhom ibiegħu tali proprjeta' tagħhom fil-Qala direttament u mingħajr ma' tiġi nforzata subbasta; ikun hemm rikavat biżżejjed kemm sabiex jiġi mħallas id-dejn tal-*HSBC* li fuq tali proprjeta' kellu prijorità kif ukoll sabiex jinqata parti mid-dejn tal-bank *ivi* attur.

Mill-istess xhieda ta' Anthony Mario Bajada, irriżulta wkoll li aktar 'il quddiem, fl-laqgħa oħra miżmuma fl-edificju tad-dipartiment legali tal-bank attur fil-Belt Valletta, il-partijiet ilkoll qablu li ġaladarba il-bank *HSBC* kien estenda t-terminu minnu konċess lill-kopja Ian u Jennifer sabiex ibiegħu huma direttament il-proprjeta' tagħhom fil-Qala minn Ġunju sa Ottubru, 2018, il-bank attur qabel li hu wkoll jagħmel l-istess sabiex dejjem tiżdied il-possibilita' ta' rikavat akbar favur il-konvenuti debituri prinċipali b'dan li tiżdied ukoll il-possibilita' ta' rkupru akbar mill-banek konċernati inkluż it-tnaqqis tad-dejn dovut lill-bank attur.

Hawnhekk, għalkemm fix-xhieda tagħha l-konvenuta dehret reticjenti f'li tammetti li tali qbil kien fil-fatt intlaħaq, bl-avukat difensur tagħha anke ttenta – fil-kontro-eżami ta' Anthony Mario Bajada – jestrapola mix-xhud li tali "qbiel" ma' kien xejn għajr deċiżjoni unilaterali tal-bank attur; ix-xhud imsemmi baqa' skiet u ferm f'li tali ftehim intlaħaq u li dan kien fl-interess ta' kulħadd.

Din il-Qorti m'għandha ebda raġuni tiddubita li tali ftehim kien fil-fatt intlaħaq u dan kemm għaliex jagħmel sens li hekk sar iżda wkoll għaliex l-assjem tax-xhieda mogħtija quddiemha juri dan bħala ferm aktar verosimili mill-verżjoni l-oħra. Dan oltre għal-fatt li jew skont l-eċċezzjoni numru tnejn (2) tal-konvenuti l-bank attur aġixxa b'mod irragjenovoli għaliex ma' taghax pre-avviż regolari, jew inkella skont l-eċċezzjonijiet numri tmienja (8), għaxra (10), u ħdax (11) ittrattjeni milli jaġixxi.

Din il-Qorti tqis li dment li mill-provi in atti jirriżulta ampjament li l-bank attur kien diġà aġixxa qabel l-ittra uffiċjali numru 65/2018 tat-2 ta' Frar, 2018 mibgħuta mill-konvenuta Sonia Borg Attard u dan permezz tal-varji

ittri diġà' msemmija *supra* ossia dawk li jirriżultaw in atti a fol 88, 90, 91, 92, 93, 95 u 97 u aġixxa wkoll wara tali ittra uffiċjali tal-imsemmija konvenuta nkluż bl-ittri a fol 99, 101 u 103; m'hemmx dubbju li l-bank attur la aġixxa intempestivament, b'mod irragjenevoli, u mingħajr ma' ta' pre-avviż opportun iżda anqas ma' għad jittratjeni iżda mexxa skont kif kien l-aktar opportun sabiex ittenta jirkupra d-debitu dovut lilu bl-aktar mod idoneju u mingħajr ma' jikser dawk li l-konvenuti stess isejjħu bħala ligijiet konswetudinajri bankarji sabiex facilita' bankarja ma' tiġix irtirata għajr għal raġuni valida skont il-likwidita' u garanziji offerti mill-klijent bankarju u l-garanti tiegħu.

L-anqas ma' tissussisti l-allegazzjoni tal-konvenuti garanti li l-bank naqas milli jżommhom aġġornati dwar id-debitu garantit minnhom stante li numru mill-ittri li ntbagħtu mill-bank kif fuq imsemmi jispeċifikaw l-ammont tad-debitu sad-data tal-ittra b'ittra wara l-oħra turi li tali ammont kien kull ma' jgħaddi qiegħed jiżdied.

Is-sekwenza tal-ittri mibgħuta mill-bank attur qabel u wara dik uffiċjali tal-konvenuta Sonia Borg Attard tiddetermina b'mod finali u kjarissimu li l-bank attur ma' kienx qiegħed jinjora d-debitu li aktar ma' jgħaddi aktar kien qiegħed jikber iżda għamel minn kollox sabiex jillimita l-imgħax fuq, u jiġbor ħlas rigward l-istess.

L-istess sekwenza ta' ittra turi wkoll li kuntrarjament għal dak li xehdet il-konvenuta Sonia Borg Attard li bħala garanti hija tħalliet fid-dlam dwar dak li kien qiegħed jiġri, il-bank attur kien qiegħed iżomma regolarment aġġornata b'dak li kien qiegħed jiġri b'dan li hija naqset milli tieħu passi li setgħet ħadet kontra d-debituri prinċipali għajr f'li bagħtet l-ittra uffiċjali tagħha numru 65/2018 tat-2 ta' Frar, 2018.

Skont id-dokumenti in atti tali sekwenza kienet kif isegwi:

i. Ittra mil-bank attur lill-konvenuta Sonia Borg Attard datata l-31 ta' Jannar, 2012 b'talba għal-ħlas immedjat tal-ammont sa dakinhar dovut fit-total ta' €67,445.65;[68]
ii. Ittra legali mil-bank attur lill-konvenuti kollha datata s-6 ta' Ġunju, 2012 b'talba għal-ħlas sa dakinhar dovut fit-total ta' €69,859.89;[69]

[68] Ittra a fol 88 – prova ta' ircevuta a fol 89.
[69] Ittra a fol 90.

iii. Ittra mil-bank attur lill-konvenuti kollha datata s-26 ta' Novembru, 2013 b'sejħa għal-laqgħa u ndikazzjoni li sa dakinhar l-ammont dovut kien telgħa għal €80,984;[70]
iv. Ittri varji mil-bank attur lill konvenuta Sonia Borg Attard b'sejħa għal-laqgħat;[71]
v. Ittra mil-bank attur lill-konvenuta Sonia Borg Attard datata l-1 ta' Marzu, 2017 b'talba għal-ħlas immedjat tal-ammont sa dakinhar dovut fit-total ta' €109,084.42;[72]
vi. Ittra legali mibgħuta mil-bank attur lill-konvenuti kollha datata s-26 ta' Settembru, 2018 b'talba għal-ħlas tal-ammont dovut sa dakinhar fil-valur ta' €126,725.18;[73]
vii. Ittra uffiċjali tal-bank attur kontra l-konvenuti kollha datata l-11 ta' Ottubru, 2018 li biha ġew interpellati jissaldaw id-debitu ta' €126,832.80 u ġew avżati li fin-nuqqas kienu ser jittiehdu dawn il-proċeduri odjerni fil-konfront tagħhom *in solidum*;[74]
viii. Il-bidu ta' din il-kawża odjerna li ngħata meta ġie pprezentat fir-Registru tal-Qorti r-rikors guramentata nhar il-21 ta' Diċembru, 2018.[75]

Tali sekwenza tixħet ukoll dawl siewi fuq l-attivita' magħmulha u l-proċedura segwita mill-bank fir-rigward tad-debitu dovut lilu. Kif diġà' ingħad, tali sekwenza turi wkoll li għalkemm il-bank attur ċertament ma' aġixxix mingħajr pre-avviż raġonevoli, anqas kien qiegħed jitlajja u jħalli d-debitu jikber bla kontroll.

Dan mingħajr ma' xejn jingħad dwar il-fatt li kif konsistentement xehed id-diriġent tal-bank attur Anthony Mario Bajada, l-istess bank hawn esibixxa biss eżempju tal-ittri mibgħuta u mhux l-assjem tal-ittri kollha li skontu jikkonsisti f'numru sostanzjali. Minkejja dan, anke minn tali eżempji – *sample* – ta' ittri biss, u mingħajr xejn ma' jingħad dwar il-fatt li l-bank attur xehed u l-konvenuta Sonia Borg Attard ma' innegatx li ntuża wkoll xi żmien sabiex ġie negozjat ftehim ta' kostituzzjoni ta' debitu li finalment ġie skratat; din il-Qorti hija ben konvinta mill-fatt li l-bank attur la qad jittratjeni milli jaġixxi u anqas aġixxa b'mod irraġonevoli billi ma' tax pre-avviż opportun.

---

[70] Ittra a fol 91.
[71] Ittri a fol 92, 93, 97, 99, 101
[72] Ittra a fol 95 – prova ta' ircevuta a fol 96.
[73] Ittra a fol 103.
[74] Ittra a fol 104 – prova ta' notifika a fol 105.
[75] Ref.: timbru tar-Registru tal-Qorti a fol 1.

Huwa għal dawn il-motivi li anke t-tieni (2), it-tmien (8), l-għaxar (10), u l-ħdax (11)-il eċċezzjoni tal-konvenuti jistħoqqilhom li jiġu miċħudin.

Dwar il-partijiet tat-tmien (8) u l-ħdax (11)-il eċċezzjoni tal-konvenuti Sonia Borg Attard u Rose Borg kif ukoll l-eċċezzjoni numru disgħa (9) li huma ma' jistgħu qatt ikunu ppreġudikati billi jiġu mġiegħla jagħmlu tajjeb għal-ammonti akbar minn dawk li skonthom huma jistgħu biss jitqiesu li għamlu tajjeb fuq iż-żewġ kuntratti li bihom ingħatat u ġiet miżjuda l-facilita' ta' *overdraft* favur il-konvenuti l-oħra, debituri prinċipali Ian u Jennifer Borg Attard; din il-Qorti tqies li oltre għal-fatt li l-istitut tal-garanti huwa ċar fuq il-materja, il-kuntratti nfishom tal-24 ta' Awwissu, 2004 u tad-9 ta' Ġunju, 2006 jinkludu l-klawsoli diġà' succitati li jippremettu kif isegwi:

> ***In warranty of the proper observance of the conditions of this deed in particular of the repayment of <u>all sums of money</u> <u>which now are or which hereinafter may from time to time become due to the Bank by way of principal and interests as well as charges and disbursements</u>*** *made by the Bank, the Customers hereby grant of the Bank which accepts, a General Hypothec over all heir property in general present and future over and above a Special Hypothec on the one undivided half of the house in Nadur, Gozo, Saint Andrew Street, number fifteen (15).*
>
> [...]
>
> ***It is agreed that the Bank shall be entitled in its absolute discretion to call upon the Customers and/or the Sureties at any time to settle the Customers' indebtedness forthwith – a simple request in writing to be deemed good and sufficient for this purpose***.
>
> [enfazi ta' din il-Qorti]

Ma tantx jiswa li l-konvenuta Sonia Borg Attard insistiet li l-kontenut tal-istess kuntratti ma' ġiex spjegat lilha meta din l-istess xhud tixhed li hija fehmet li hija kienet daħlet tagħmel tajjeb għal-ħuha u, fl-ittra uffiċjali tagħha numru 65/2018 tat-2 ta' Frar, 2018 nisslet bla tlaqliq, u kif hawn aktar 'il fuq diġà' iċċitat, li *"hija nfurmata li l-konjuġi Borg Attard ilhom żmien konsiderevoli milli jwettqu pagamenti akkont ta' dak dovut minnhom, bil-konsegwenza li l-ammont li għalih qieghda tagħmel tajjeb hija bis-sahha ta' d[i]n*

*il-garanzija qiegħed kull ma jmur jizdied"* u kompliet tgħid *"li l-ammonti tad-debitu tant jizdied li l-bank ikun kostrett li jirrivolgi ruħu fuq il-proprjeta' tal-esponenti sabiex jigbor l-ammont li ser ikun dovut lilu"*.[76]

B'dan li għalhekk, anke d-disgħa (9) eċċezzjoni tal-konvenuti garanti jistħoqq li tiġi miċħuda.

**Ikkunsidrat Ulterjorment:**

Magħdud dan, jibqa' għal din il-Qorti sabiex konsistentement ma' dak hawn diġà' ikkunsidrat, tikkunsidra jekk hux tassew kif jeccepixxu l-konvenuti lkoll konguntivament fl-eċċezzjonijiet numru tlieta (3) u erbgħa (4) li l-bank attur applika imgħax iżjed milli suppost applika skont il-ligijiet vigenti kif ukoll ħadem imgħax kompost u mar kontra l-kunċett tal-*ultra duplum*.

Jibqa' wkoll sabiex il-Qorti tikkunsidra jekk il-valuri li l-bank attur jgħid li ġew avvanzati lill-konvenuti debituri prinċipali ġewx fil-fatt hekk avvanzati lilhom u jekk kwalunkwe' spejjez u pagamenti ġewx debitament arrekati lill-istess konvenuti debituri prinċipali – l-ewwel (1) eċċezzjoni tal-konvenuti.

Dwar l-ewwel (1) eċċezzjoni tal-konvenuti din il-Qorti hija ben sodisfatta li l-ammonti avvanzati lill-konvenuti debituri prinċipali purament bħala *overdraft* ġew debitament ippruvati mill-bank attur, kif anke ġew debitament ippruvati li l-ispejjeż u pagamenti ulterjuri li ġew addebitati lill-istess konvenuti kienu legalment u validament addebitati.

Tali fatt jirriżulta ampjament kemm mir-rendikont dettaljat li l-bank attur esibixxa permezz tan-nota tiegħu tas-6 ta' Marzu, 2019,[77] kemm mir-rendikont semplifikat li l-istess bank attur esibixxi a fol 199, kif ukoll mid-dokumenti ulterjuri esibiti mill-bank attur a fol 239 u a fol 240 sa 246. Tali dokumenti ma' ġew bl-ebda mod kontradetti mill-konvenuti.

Din il-Qorti m'għandha għalhekk ebda dubbju li l-ammonti avvanzati lill-konvenuti debituri prinċipali purament bħala *overdraft* u l-ispejjeż u

[76] Ref.: kopja tal-ittra ufficjali numru 65/2018 a fol 71 u 72.
[77] Nota a fol 36, rendikont a fol 37.

pagamenti ulterjuri li ġew addebitati lill-istess konvenuti huma dawk li jirriżultaw minn tali dokumenti.

B'dan iżda li l-istess dokumenti, flimkien ma' oħrajn kif ser jiġi kkunsidrat hawn aktar l-isfel, juru li fuq tali ammonti l-bank setgħa applika imgħax in eċċess minn dak ta' tmienja fil-mija (8%) indikat mill-konvenuti bħala l-imgħax massimu li jista' jiġi applikat skont il-liġi kif ukoll ħadem imgħax kompost u mar kontra l-kunċett tal-*ultra duplum* – ref.: l-eċċezzjonijiet numru tlieta (3) u erbgħa (4) mressqa mill-konvenuti konguntivament.

Dwar l-imgħax il-konvenuti eccepew li kwalunkwe' imgħax kellu jkun applikat ai termini tal-Artikoli 986(2), 1139, 1142, u 1850 sa 1853 tal-Kap. 16, Ligijiet ta' Malta.

Da parti tiegħu, il-bank attur, tramite x-xhieda tal-Avukat Dr. Helena Said li hija d-diriġent tad-dipartiment tas-servizzi ta' kreditu fi ħdan l-istess bank attur, iddikjara li d-debitu in kwistjoni huwa naxxenti minn kuntratti ta' *overdraft* b'dan li l-artikoli tal-liġi applikabbli għal mutwu ma' japplikawx. Zid ukoll jgħid li oltre dan, huwa prinċipju stabbilit illi l-kunċett tal-*ultra duplum* u anatocizmu ma' japplikawx għall-faċilita' ta' *overdraft* mentri l-imgħax dejjem inħadem bir-rata konċessa mil-liġi bl-Avviż Legali 142 tal-2009 maħruġ skont l-Artikolu 1855A tal-Kap.16 li jawtorizza lill-istituzzjonijiet ta' kreditu u dawk finanzjarji jistabbilixxu rata ta' imgħax li jistgħu jitolbu fuq self, avvanzi u kull facilita' oħra ta' kreditu.

**Dwar l-imgħax applikabbli mill-istituzzjonijiet ta' kreditu u dawk finanzjarji, l-imgħax kompost u l-prinċipju tal-*ultra duplum*:**

Fil-ġurisprudenza nostrana jeżistu deċiżjonijiet li b'sempliċi referenza għal-hekk imsejħa prattika bankarja jaċċettaw imgħaxijiet komposti b'mod differenti minn dak kontemplat fil-liġi.

Fid-deċiżjoni mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili nhar it-3 ta' Lulju, 2003 fl-ismijiet ***Lombard Bank Malta p.l.c. vs IV's Co. Ltd. (gia Santa Group Limited) bħala debitur prinċipali u Ivan Cutajar bħala garanti solidali*** ġie osservat li kuntrarjament għal f'każ ta' self; f'każ ta' *overdraft* huwa permess li bank japplika imgħax kompost.

Fid-deċiżjoni mbagħad mogħtija mill-istess Prim'Awla tal-Qorti Ċivili nhar is-6 ta' Mejju, 2004 fl-ismijiet ***Bank of Valletta p.l.c. vs Charles u Maria konjuġi Muscat*** ġie ritenut kif isegwi:

> *Din il-Qorti osservat illi l-artikolu li jipprojbixxi l-kalkolu ta' imgħaxijiet komposti huwa l-artikolu 1142 tal-Kodiċi Ċivili li jimponi c-cirkustanzi ta' kif u meta kreditur jista' jitlob l-imgħax fuq l-imgahxijiet maghluqa.*
>
> *Dan l-artikolu jrid jinqara mat-tlieta precedenti li flimkien jirregolaw id-danni dovuti meta jkun hemm ksur ta' obbligazzjoni li jkollha bħala oġġett "il-ħlas ta' somma determinata" (art. 1139 Kodiċi Ċivili).*
>
> *Dawn l-artikoli qed jitkellmu allura fuq obbligazzjoni ta' mutwu u mhux fuq obbligazjzoni naxxenti minn kuntratt ta' "overdraft". Kuntratt ta' "overdraft" ma jittrattax obbligazzjoni ta' "somma determinata", tant hu hekk li l-Onorabbli Qorti tal-Kummerc fil-kawża "Warrington noe vs Sciberras" deciza fit-8 ta' Lulju, 1985, kienet osservat li kuntratt li bih bank jikkoncedi facilita' lill-klijent mhiex titolu ezekuttiv, iżda jeħtieġ dejjem li jkun hemm sentenza li tikkanonizza l-kreditu qabel ma' l-bank ikun jista' jieħu proċeduri ezekuttivi fir-rigward.*

Li kuntratt ta' *overdraft* mhux l-istess bħal wieħed ta' self joħroġ ukoll mit-tagħlim tal-awturi bħal Messineo, Vidari, u Torrente.

Torrente fil-fatt jgħid kif isegwi:

> *L'apertura di credito non deve confondersi con il mutuo e nemmeno con il contratto preliminare di muotuo (promessa di mutuo).*

L-istess awtur ikompli fil-fatt jispjega li:

> *Il mutuo e' un contratto reale che si perfeziona dunque con la consegna della somma, l-apertura di credito e l'anticipazione bancaria sono invece, "contratti consensuali" colui a cui favore l'una o l'altra e' concessa puo' disporre della somma, pagando per esempio, i fornitori o i propri debiti, senza che la somma sia a lui consegnata e senza che si stipuli un successivo contratto definito di mutuo, come sarebbe necessario se di promessa di mutuo si trattasse.*[78]

[78] Manual di Diritto Privato, 9 edizione, pag. 572.

Il-Qorti tal-Appell nostrana fid-deċiżjoni mogħtija fl-ismijiet ***Scicluna vs Zinelli***[79] u l-Qorti tal-Kummerċ f'dik mogħtija fl-ismijiet ***Piovano vs Fenech***[80] kienu tal-istess fehma.

B'dan li ma' jistgħax għalhekk jingħad li f'każ ta' *overdraft* japplika l-Artikolu 1142 tal-Kodiċi Ċivili stante li tali faċilita' hija distinta minn dik tal-mutwu.

Oltre dan, is-sistema adoperata mill-bank f'każ ta' faċilita' ta' *overdraft* hija li l-imgħax jiżdied fuq il-bilanċ.

Tali sistema ġiet aċċettata mill-Qrati tagħna bħala waħda valida u legali f'varji deċiżjonijiet fosthom dawk mogħtija mill-Qorti tal-Kummerċ inkluż nhar il-25 ta' April, 1940 fl-ismijiet ***Scicluna vs Tufigno noe***, nhar il-15 ta' Jannar, 1979 fl-ismijiet **Busuttil vs Spiteri Debarro** u nhar is-6 ta' Ottubru 1994 fl-ismijiet ***Mercieca noe vs Borg***, dawk mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili inkluż nhar it-28 ta' Ottubru, 1999 fl-ismijiet ***Bank of Valletta Ltd vs Dalli*** u nhar it-3 ta' Ottubru, 2002 fl-ismijiet ***Borg vs Borg et*** u, aktar ricentement, dik mogħtija mill-Qorti tal-Appell fis-6 ta' Diċembru, 2002 fl-ismijiet ***Bank of Valletta Limited vs Anna's Trading Co.Ltd.et***.

L-awtur Giorgi jibbaża din is-sistema fuq il-prinċipju ta' *usi u consuetudini* billi jgħid:

> *Se poi ci si domanda, in che consistono siffatti usi e consuetudini, rispondiamo esser cosa da non dichiararsi in due parole. E' una ricerca che solo i trattisti speciali di diritto commerciale possono convenientemente istituire. A noi basta il ricordare, come la piu' notevole di queste consuetudine concerne il conto corrente: dove e lecito pattuire che gli interessi delle somme risultanti a debito, per dirlo con parola comemrciale, di un correntista, siano capitalizzati a favore dell'altro correnstista a brevi scandenze periodiche.*[81]

[79] Vol. XXX.I.739
[80] Vol. XXVII.III.466.
[81] *Obbligazioni*, Vol. II, p.213.

Fid-deċiżjoni diġà' *ivi* ccitata mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili nhar is-6 ta' Mejju, 2004 fl-ismijiet ***Bank of Valletta p.l.c. vs Charles u Maria konjuġi Muscat*** ġie ritenut kif isegwi:

> *Ir-raguni għal dan it-trattament speċjali jingħad li hi bbazata fuq il-prinċipju ta' indivizibbilita' li jikkaratterizza l-kont kurrent "che si oppone a che il saldo possa considerare composto in parte di una somma rappresentatnti gli interessi (ara sentenza riportata fil-kollezz. Vol. XXVII.1.826).*

Naturalment, tali konċessjoni tibqa topera dment li tibqa topera l-faċilita' ta' *overdraft* stante li meta l-istess faċilita' tiġi rikjamata u tingħalaq; l-imgħax irid jiġi kkalkolat bis-sistema normali stabbilita fil-Kodiċi Ċivili.[82]

Dan stante li ġaladarba l-faċilita' ta' *overdraft* tiġi terminata, u s-somma dovuta tiġi determinata; il-kwistjoni issir bħal waħda fejn l-obbligazzjoni għandha bħala oġġett tagħha l-ħlas ta' somma determinata b'dan li ma' jkunx jista' jintalab imgħax għajr kif kontemplat fl-Artikolu 1142 tal-Kodiċi Ċivili.

Dan ikompli jikkonferma il-mod kawt ta' kif il-Qrati nostrani aċċettaw li jkomplu jagħtu validita' lill-prattika bankarja. B'dan li malli titwaqqaf faċilita' ta' *overdraft* l-imgħax irid jinħadem b'mod sempliċi.

Inoltre, l-Artikolu 5 tal-Avviż Legali 142 tal-2009 jippermetti imgħax ogħla minn dak ta' 8% impost mill-Artikolu 1852 tal-Kodiċi Ċivili kif isegwi:

> **5.** *Minkejja kull haga oħra li tinsab f'kull liġi oħra, istituzzjonijiet ta' kreditu u dawk finanzjarji fil-kuntest tat-tifsira tar-regolament 2 jistgħu jistabbilixxu r-rata ta' mghax li għandha tithallas fuq depożiti mizmumin minn istituzzjonijiet ta' kreditu, u r-rata ta' mghax li dawn jistgħu jitolbu li jithallsu fuq self, avvanzi u kull facilità ta' kreditu oħra kif ukoll fil-hrug ta' debentures jew ta' debenture stock jew strumenti oħra li joholqu jew jirrikonoxxu stat ta' debitu.*

[82] Ref.: id-decizjoni tal-Qorti tal-Appell ta' nhar l-20 ta' Lulju, 1994 moghtija fl-ismijeit ***Azzopardi noe vs Falzon***. Ref.: ukoll, id-decizjoni moghtija mill-Qortit al-Appell nhar is-6 ta' Dicembru, 2002 fl-ismijiet ***Cassar noe vs Farrugia noe*** fejn gie ritenut li *terminat il-kont kurrent anke unilateralment da parti tal-kreditur simultanjament jidhlu in vigore il-provvedimenti normali tal-mutwu u minn dak il-hin huwa illecitu ghall-kreditur li jkompli jikkredita l-imghaxijiet komposti*.

Dan l-Artikolu 5 tal-Avviż Legali 142 tal-2009 daħal fis-seħħ bis-saħħa tal-Artikolu 1855A tal-Kodiċi Ċivili li jrid li:

> **1855A.** *Il-Ministru responsabbli għall-ġustizzja flimkien mal-Ministru responsabbli għall-finanzi jista' jagħmel regolamenti li jkunu jordnaw il-kondizzjonijiet li taħthom dawk id-djun u obbligazzjonijiet li jiġu hekk imsemmija f'dawk ir-regolamenti jistgħu jiġu eżentati minn xi dispożizzjoni tat-Titolu IV u t-Titolu XVII tat-Taqsima II tat-Tieni Ktieb bla ħsara għal dawk il-kondizzjonijiet bħal ma huwa jista' jistabbilixxi f'dawk ir-regolamenti, u li jkunu iktar minn hekk jirregolaw il-ħlas ta' mgħax, il-ħdim ta' mgħax kompost f'kull aspett tiegħu u l-ogħla somma ta' mgħax li jista' jiġi mħallas.*

B'dan li, kif ġie tajjeb osservat mil-bank attur fin-nota tal-osservazzjonijiet finali tiegħu, il-Qrati nostrani huma konsistenti f'li jgħidu li dan l-artikolu *neħħa kull dubju li seta' jqum fl-interpretazzjoni ta' dan l-artikolu tal-liġi, billi pprovda espressament li d-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu kienu japplikaw minkejja kull projbizzjoni li seta' jkun hemm fi kwalunkwe liġi oħra, inkluż għalhekk l-artikolu 1852 tal-Kodiċi Ċivili.*[83]

Oltre minn hekk, filwaqt li l-Artikolu 1852 tal-Kap. 16 għadu jorbot ir-rata tal-imgħax mal-persentaġġ ta' 8%, minkejja d-diversi emendi li sarulu tul iż-żminijiet; l-Artikolu 1850 li jipprojbixxi kalkolu ta' imgħax kompost differenti minn dak kontemplat fih inniffsu ma' ġiex mimsus.

L-Artikolu 1850 jaqra fil-fatt kif isegwi:

> **1850.** *(1) Hu leċitu l-ftehim għall-imgħaxijiet fuq self, sew ta' flus kemm ta' merkanzija jew ħwejjeġ oħra mobbli.*
>
> *(2) Jistgħu wkoll jitbiddlu f'kapital ġdid, b'imgħax, l-imgħaxijiet magħluqa, basta li dawn l-imgħaxijiet ma jkollhomx jingħataw għal żmien ta' anqas minn sena.*
>
> *(3) Kull ftehim ieħor ta' mgħaxijiet fuq imgħaxijiet, ma jiswiex.*

B'dan li huwa għalhekk ċar li f'każ ta' faċilita' ta' *overdraft*, bank jista' jżid ir-rata tal-imgħax għal-aktar minn 8% ai termini tal-Artikolu 5 tal-Avviż

[83] Ref.: id-decizjoni moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorit Civili nhar l-20 ta' Jananr, 2020, ikkonfermata fl-Appell b-sentenza tas-27 ta' Frar, 2024, fl-ismijiet ***Lombard Bank Malta p.l.c. vs Gozo Caterers Limited***.

Legali 142 tal-2009 dment li tali faċilita' tkun għadha ma' ġietx rikjamata. L-istess bank jista' wkoll japplika l-proviżjonijiet tal-Artikolu 1850 inkluż is-subartikolu (2) u b'hekk jibdel f'kapital ġdid, b'imgħax, l-imgħaxijiet magħluqa, basta li dawn l-imgħaxijiet ma jkollhomx jingħataw għal żmien ta' anqas minn sena.

Id-dokument esibit mill-bank attur a fol 207 tal-proċess jixħet dawl siewi dwar dan fejn juri li l-faċilita' bdiet fil-25 ta' Awwissu, 2004[84] b'rata ta' imgħax ta' 8% li żdiedet maż-żmien għar-raġunijiet spjegati iżda, kull kif, skont kif setgħet tiżdied ai termini tal-Artikolu 5 tal-Avviż Legali 142 tal-2009. Ir-rata tal-imgħax tniżżlet imbagħad ghal-8% nhar it-2 ta' Awwissu, 2018,[85] qabel seħħew l-ittra legali tal-bank attur tas-26 ta' Settembru, 2018[86] u dik uffiċjali tiegħu tal-11 ta' Ottubru, 2018[87] li precedew din il-kawża.

Il-kwistjoni kollha li nqalgħet waqt il-kontro-eżami tax-xhud diriġent tal-bank attur Anthony Mario Bajada dwar jekk iż-żidiet adoperati mill-bank attur fir-rata ta' imgħax kienux żiedet ta' penali jew mod ieħor, kwistjoni li temani wkoll mid-dokument esibit mil-bank attur a fol 207 moqri flimkien mal-ittri wkoll esibiti mill-bank attur a fol 53 sa 56, u 68 u li bihom l-istess bank attur kien regolarment jinforma lill-konvenuti debituri prinċipali b'nuqqasijiet varji tagħhom u anke meta qabżu l-limitu mpost tal-faċilita' bankarja, ma' tiċċentrax fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet hawn magħmulha dwar il-proviżjonijiet legali applikabbli.

Bl-istess mod, il-kwistjoni lanjata mill-konvenuti dwar l-għaliex id-debituri prinċipali tħallew jeċċedu l-limitu hekk mpost fil-faċilita' bankarja skont il-kuntratti tal-*overdraft* vigenti anqas tiċċentra meta l-bank attur ta' spjegazzjoni raġonevoli u aċċettabbli ta' kif l-faċilita' kienet mixja sew bil-limitu nqabeż bi ftit lejn l-2011 b'dan li l-maġġoranza tal-valur *ivi* reklamat f'sorte m'huwiex wieħed li jinkorpora xi eċċess kbir tal-limitu mpost kemm jinkorpora imgħax, spejjez u pagamenti varji arrekati lill-konvenuti b'riżultat tan-nuqqasijiet varji attribwibbli lilhom skont ukoll l-ittri hawn aktar 'il fuq diġà' msemmija.

[84] Ref.: it-tieni linja tad-dokument a fol 207.
[85] Ref.: l-ahhar linja tad-dokument tal-bank attur a fol 207.
[86] A fol 103.
[87] A fol 104.

***Dwar il-prinċipju tal-ultra duplum:***

Ir-regola li l-imgħax ma jistax jitla' aktar mill-kapital hija regola ġejja mid-dritt Ruman, kodifikata fil-*Lex* 27 *Cod. de usuris* — li tgħid illi l-imgħax mhux imħallas ma jistax jitla' aktar mill-kapital — u fin-Novelli 121 u 138 — li jgħidu li l-imgħax kollu, ukoll dak diġà mħallas, ma jistax ikun aktar mill-kapital

Dawn kienu uħud minn serje ta' interventi leġislattivi maħsuba biex iħarsu lid-debitur, fosthom il-*leges fenebres* u r-regola kontra l-anatoċiżmu, li nsibuha wkoll fil-Kodiċi Ċivili. Dawn il-provvedimenti kienu jolqtu l-imgħaxijiet konvenzjonali, *i.e. usuræ in obligatione*, u mhux *usuræ quæ officio iudicis præstantur*.

Barra minn hekk, ġie stabbilit ukoll illi r-regola *ultra duplum* ma tolqotx imgħaxijiet fuq il-passiv fejn tingħata faċilità ta' *overdraft*.[88]

Fid-deċiżjoni mogħtija mill-Qorti tal-Appell nhar id-9 ta' Mejju, 2017 fl-ismijiet ***Bank of Valletta p.l.c. vs Carmelo Farrugia Melfar Limited et*** ġie fil-fatt ritenut li:

> *Qalet sew għalhekk l-ewwel qorti illi r-regola "hija applikabbli għall-kuntratt ta' mutwu", iżda "mhux applikabbli għal kuntratt ta' overdraft" u wkoll "ma hix applikabbli fil-każ ta' kanonizzazzjoni ta' flus b'sentenza"* [...] *Fil-każ tallum id-dejn huwa kanonizzat, iżda b'kuntratt pubbliku mhux b'sentenza, u għalhekk safejn huwa self u wkoll safejn huwa overdraft wara l-"call in" jintlaqat bir-regola ultra duplum.*

Applikati għalhekk dawn il-prinċipji tal-ġurisprudenza nostrana u l-awturi ccitati, huwa ċar li ġaladarba m'hemmx dubbju li fil-każ in mertu l-faċilita' konċessa lill-konvenuti debituri prinċipali kienet waħda ta' *overdraft,* fuq liema natura ma' tqajmet ebda oġġezzjoni minn ebda parti konvenuta; l-imgħax kif kalkolat mil-bank attur kien kalkolat u applikat b'mod korrett u skont il-ġurisprudenza kostanti nostrana.

Dwar imbagħad l-eċċezzjoni rimanenti tal-konvenuti – dik numru ħamsa (5) – li l-imgħax ulterjuri jista' biss jintalab mid-data tat-talba ġudizzjarja

[88] Ref.: inter alia, id-decizjoni moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti civili nhar it-30 ta' April, 1947 fl-ismijiet ***Edwin Vassallo nomine v. Salvatore Ballucci -*** Koll. XXXIII-II-64.

'il quddiem ai termini tal-Artikolu 1142 tal-Kap. 16;[89] din il-Qorti tagħraf li l-ewwel talba ġudizzjarja magħmulha mil-bank attur u misjuba in atti hija dik magħmulha permezz tal-ittra uffiċjali tal-bank attur numru 571/18 tal-11 ta' Ottubru, 2018.[90]

Madankollu, it-talba tal-bank attur tinkludi biss talba għall-imgħax ulterjuri mit-12 ta' Diċembru, 2018 sad-data tal-pagamenti effettiv b'dan li l-istess bank attur jgħid li l-imgħax sal-11 ta' Diċembru, 2018 kien diġà' inkluż fis-sorte mitlub minnu b'din l-istanza odjerna.

B'dan li għalhekk din il-Qorti sejra takkorda l-imgħaxijiet ulterjuri biss mid-data tat-12 ta' Diċembru, 2018 sad-data tal-pagament effettiv.

**Decide:**

Għaldaqstant, in vista tal-premess u għar-raġunijiet kollha hawn fuq mogħtija din il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi filwaqt illi tiddisponi mill-eċċezzjonijiet kollha tal-konvenuti konformement ma' dak hawn deċiż; tilqa t-talba attriċi u tikkundanna għalhekk lill-konvenuti sabiex *in solidum* bejniethom iħallsu lill-bank attur is-somma ta' mija u tmienja u għoxrin elf, tmien mija u erbgħa u tletin Euro u tlieta u tletin ċenteżmu (€128,834.33), bl-imgħax legali mit-12 ta' Diċembru, 2018 sad-data tal-pagament effettiv.

L-ispejjeż ta' din l-istanza a karigu tal-konvenuti b'sehem ugwali kull wieħed.

(ft) Dr. Brigitte Sultana
Maġistrat

[89] **1142.** *L-imgħaxijiet magħluqa jistgħu jagħtu mgħaxijiet oħra, sew bis-saħħa tad-dispożizzjonijiet tal-artikoli ta' qabel dan, minn dak in-nhar tat-talba ġudizzjarja għaldaqshekk jew bi ftehim li jsir wara li jagħlqu, basta li, fil-każ il-wieħed u l-ieħor, l-imgħaxijiet ikollhom jingħataw għal żmien ta' mhux anqas minn sena*.
[90] Kopja a fol 104 bir-riferti tan-notifiki relattivi 9 ilkoll pozittivi fil-konfront ta' kull parti konvenuta – a fol 105.

(ft) Jenna Mizzi
D/Registratur

Vera Kopja

Għar-Reġistratur